**ĦARĠA NUMRU 27** - ĦARIFA 2021

NEWSPAPER POST

# Nisġet artna

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# Editorjal

Għeżież Qarrejja,
B'din l-edizzjoni ser nifttħu l-istaġun tal-ħarifa, staġun li jġib ħafna tibdil u dħul lura għar-rutina wara xi ftit jiem ta' mistrieħ u vaganzi. Għalkemm f'dan l-istaġun it-temp jibqa' sabiħ, inkunu qegħdin nistennew bil-ħerqa xi ħalba xita biex b'hekk in-natura tibda tħaddar ftit u forsi tieħu ftit ruħ minn dik in-nixfa li jġib miegħu l-istaġun tas-sajf. Jibda wkoll iż-żrigħ ta' ħafna prodotti agrikoli, fosthom kaboċċi, pastard u prodotti oħra li bihom naraw tibdil fil-kċejjen tagħna għal xejra aktar xitwija.

Matul dawn l-aħħar xhur il-Ministeru ħadem fuq diversi proġetti u skemi li wieħed jista' jsib aktar informazzjoni dwarhom f'din l-edizzjoni.

Nixtieq nirringrazzjakom tal-appoġġ illi qegħdin tagħtuna permezz tal-paġna ta' Facebook u nistieden lil dawk li għadhom ma ngħaqdux magħna fuq il-midja soċjali sabiex jagħmlu *like* fuq AGRIKOLTURA, kif ukoll fuq il-paġna uffiċjali ta' Nisġet Artna. Permezz ta' dawn il-paġni qegħdin inwasslu l-aħħar informazzjoni relatata mas-settur tagħna. Tistgħu wkoll tagħmlu kuntatt magħna fuq l-indirizz elettroniku nisgetartna.mafa@gov.mt.

Nittama li din il-ħarġa tinteressakom u tintlaqa' tajjeb magħkom il-qarrejja.

Tislijiet,
**Estelle Bonello Sant**

# Nisġet Artna


Pubblikazzjoni maħruġa
Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali

**Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni**
Agriculture Reasearch and Innovation Hub
L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303




*Ritratt meħud minn Sebastian Falzon*


**Editur**
Estelle Bonello Sant

**Qari tal-provi**
Proofreading Malta

**Kontributuri**
Bjorn Azzopardi
Stephen Spiteri
Matthew Tabone
Louis John Fresta
Charlot Attard
Neil J Tirchett
Robert Cutajar
Marija Zammit
David Coleiro
Arnold Sciberras
Jeffrey Sciberras
George Farrugia
Simone Galea
Matthew Laspina
Kimberly Terribile
Dr Alicia Bugeja Said
Michelle Sammut

**Stampar**
Government Printing Press

**Disinn**
Outlook coop


# Il-Werrej


**3** Messaġġ mill-Ministru
**4** L-Impenn ta' *AgriConnect* u l-Effetti tal-Pandemija fuq l-Agrikoltura
**5** It-Tnedija tal-Malta *Food Agency*
**6** Qbil Proviżorju dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-Unjoni Ewropea
**7** Tiġi Ċċelebrata l-Festa tal-Imnarja b'Differenza
**8-9** L-Iskema Nazzjonali *Prodotti ta' Kwalità*
**10** Id-Dokument ta' Gwida dwar l-użu Xieraq ta' Veleni Perikolużi
**11-12** Il-Bijosigurtà u Sanità fir-Razzett
**13-14** Skema għall-Ippjanar tal-Produzzjoni lill-Bdiewa bbażata fuq il-Bejgħ ta' Prodotti Agrikoli (GRAPPA)
**15** Ix-Xogħol ta' Joe Gauci Maistre fil-Malta Rabbit Club
**16-17** Il-Laboratorju tal-Mikropropagazzjoni tal-Pjanti
**18** L-Użu tas-*Soil Tensiometers* fit-Tisqija tal-Uċuħ tar-Raba'
**19** Il-Gvern Jalloka €350,000 fi Skema ta' Kumpens għal Sajd Sostenibbli
**20** It-Tnedija ta' Skema Nazzjonali għall-Benesseri tal-Majjali
**21** Ħidma kontinwa mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali
**22** Jiġu Allokati Numru ta' Rimji tal-Lampuki għas-Sajjieda Dilettanti
**23** Evalwazzjoni ta' Alternattiva Naturali għall-Koċċidjostatiċi
**24-25** Pjanti Maltin fil-Folklor Botaniku tal-Gżejjer Maltin
**26-27** L-Importanza u l-Użu taċ-Ċinga fil-Klieb
**28** Il-BiedjaCam
**29** Żewġ Skemi ta' Għajnuna għall-Bdiewa u r-Raħħala b'Baġit ta' €4.5 Miljuni
**30-31** Interazzjonijiet bejn iċ-ċetaċji u l-armar tas-sajjieda ta' skala żgħira fil-Baħar ta' Malta u Għawdex
**32-33** L-Istorja ta' Omm u Iben bil-Volontarjat fi Ħdan il-*Malta Rabbit Club*
**34-35** Għasel Uniku ta' Malta

# Messaġġ mill-Ministru

Għeżież,
L-impenn fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali huwa wieħed kontinwu u impenjattiv. Fl-aħħar xhur ħdimna fuq diversi skemi, inizjattivi u proġetti ġodda lkoll bl-għan li nelevaw ħidmet is-sajjieda, il-bdiewa, ir-raħħala Maltin u kif ukoll intejbu d-drittijiet u l-ħarsien tal-annimali.

Is-setturi tal-agrikoltura u s-sajd jikkontribwixxu ammont sostanzjali fl-ekonomija ta' pajjiżna. Meta wieħed jikkonsidra ċ-ċokon u l-iżvilupp soċjali ta' pajjiżna, dawn huma numri inkoraġġanti. Madanakollu rridu nkunu sinċiera magħna nfusna u nifhmu li l-isfidi huma kbar, mhux biss għaliex l-oqsma joffru ħafna sfidi lill-ħaddiema li jaħdmu fi ħdanhom, iżda l-kompetizzjoni u n-nuqqas ta' investiment tul is-snin ħallew impatt sinifikanti.

Dan kollu mhux ser jaqtgħalna qalbna u għalhekk qegħdin nimpenjaw ruħna sabiex nindirizzaw bosta sfidi. Fl-aħħar xhur nedejna numru ta' skemi fejn jidħol il-qbid ta' speċi ta' ħut varji. Dan kollu sar biex nindirizzaw it-tħassib ta' bosta sajjieda dilettanti u oħrajn professjonali. Konna hemm biex ngħinu lil dawk li ntlaqtu finanzjarjament mill-impatt li ħallew ir-restrizzjonijiet tal-pandemija. Qegħdin naħdmu qatigħ fuq livell Ewropew bl-għan li nkomplu naċċertaw li l-ħaddiem Malti ma jkunx diskriminat minħabba ċ-ċokon tal-operat tiegħu filwaqt li jkollu l-aċċess għal kull opportunità disponibbli.

Ma nistax ninsa l-ħidma li saret sabiex inkomplu ntejbu l-immaġini tal-Ministeru u l-entitajiet fi ħdan il-Ministeru. Dan mhux sempliċement biex ikollna identità isbaħ u aktar moderna, iżda sabiex il-messaġġ ta' ħidmietna u ħidmet dawk li jaħdmu f'dawn l-oqsma jasal kif inhu xieraq. Irrid fost l-oħrajn nagħmel rimarka lejn ix-xogħol tajjeb li sar sabiex l-Imnarja — il-festa tar-raħħala u l-bdiewa Maltin — tieħu dehra friska u aktar moderna, sabiex la darba terġa' tibda tiġi organizzata mill-ġdid fil-Buskett, din tibda tittella' bi standards ogħla u b'tibdil li hu meħtieġ sabiex tattira udjenzi akbar.

Waħda mill-akbar inizjattivi li nedejna fl-aħħar ġimgħat hija l-Aġenzija Maltija tal-Ikel. Din l-aġenzija ser tkun qed tassumi r-responsabilità tat-tmexxija tal-Pitkalija, il-Pixkerija u parti mill-operat tal-biċċerija. L-għan huwa li noħolqu sistema ta' tmexxija ċentralizzata, li tagħraf il-ħtejjeġ ta' dawn l-oqsma, taġġorna ma' żminijietna b'użu ta' teknoloġija moderna, tissaħħaħ il-governanza, tfittex swieq ġodda, filwaqt jiġu addottati proċeduri ġodda li jnaqqsu l-ħela u tittejjeb id-distribuzzjoni tal-prodott. Wieħed irrid jifhem li d-domanda tal-konsumatur kulma jmur qed tkompli tinbidel u għaldaqstant irridu naddattaw għas-suq filwaqt li nassiguraw l-ogħla livelli għall-prodotti Maltin. Issa li bdejna mexjin 'il quddiem inħares lejn it-twettiq tal-viżjoni tagħna sabiex din il-katina ta' ħidma tkompli ssaħħaħ is-sostennibilità ta' dawn is-setturi filwaqt li tagħti dak li l-ħaddiem jistħoqqlu.

Fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali wkoll għaddej xogħol bla preċedent. Waqt li ssoktat il-ħidma tas-salvataġġi minn jum għal ieħor, qegħdin inħarsu wkoll lejn liġijiet u skemi ġodda, u impenn intensifikat sabiex il-ħarsien tal-annimali u l-benesseri tagħhom jibqgħu prijorità.

Ħidmieti ser tibqa' tintensifika għaliex nixtieq li flimkien inkunu ta' spalla ma' dawk li jaħdmu f'dawn l-oqsma u noħolqu legat għal dawk li għad iridu jkunu ta' sostenn sabiex dawn l-oqsma jibqgħu ħajjin u jikbru għaż-żmien li ġej.

Tislijiet,
*Anton Refalo*



**Anton Refalo**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali

# L-Impenn ta' *AgriConnect* u l-Effetti tal-Pandemija fuq l-Agrikoltura

L-aħħar sena u nofs kien żmien ta' inċertezza kbira għal kulħadd. Din il-pandemija ħalliet l-effetti tagħha tista' tgħid fuq kull settur madwar id-dinja kollha, inkluż is-settur agrikolu. AgriConnect bħala entità tal-Gvern provdiet servizz lil mijiet ta' bdiewa u raħħala tul dan il-perjodu.

Filwaqt li l-ħwienet għal affarijiet mhux essenzjali kellhom jagħlqu, l-ikel xorta kellu jinħażen fuq l-ixkafef. Meta bażikament kollox waqaf, id-dinja rrealizzat l-importanza tax-xogħol li jsir mill-bdiewa u mir-raħħala, u b'hekk stajna napprezzaw aktar l-importanza tagħhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Il-pandemija kixfet il-bżonnijiet realistiċi tal-bniedem u tas-soċjetà kollha li issa daret mal-ħtieġa immedjata tas-saħħa u l-produzzjoni tal-ikel marbutin mal-ħidma tal-bdiewa u tar-raħħala.

Minħabba r-restrizzjonijiet li ġew introdotti biex titrażżan is-sitwazzjoni lokali, għadd ta' ħaddiema fis-settur agrikolu ġew affettwati. AgriConnect ingħatat il-kompitu li tipprovdi eżenzjonijiet u derogi lil mijiet ta' bdiewa li kienu diretti lilna permezz tal-linja ta' għajnuna ta' emerġenza tal-Covid. Mingħajr dawn is-servizzi, il-bdiewa u r-raħħala ma kienx se jkollhom dan is-sapport anke meta ma setgħux ikunu preżenti fir-razzett jew fl-għelieqi tagħhom.

AgriConnect tieħu din l-opportunità biex tirrikonoxxi u tapprezza l-ħidma imprezzabbli u tant utli tal-bdiewa u tar-raħħala, ħafna minnhom anzjani, li minkejja l-isfidi kollha li din il-pandemija ġabet magħha, xorta waħda komplew jagħtu l-kontribut tagħhom ħalli jibqa' jkollna biżżejjed ikel frisk fi żmien ta' inċertezza kbira. Min-naħa ta' kull wieħed u waħda minna għandna ngħinu lill-bdiewa u lir-raħħala Maltin u Għawdxin billi nagħżlu prodott frisk, prodott lokali.

# Uffiċju ġdid ta' *AgriConnect* fil-Mellieħa

Nhar l-24 ta' Ġunju 2021 ġie inawgurat uffiċċju ġdid ta' AgriConnect fit-Tramuntana ta' Malta, eżattament fil-lokalità tal-Mellieħa. Dan ġie inawgurat mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, Anton Refalo.

L-għan ewlieni ta' dan l-uffiċċju hu li jkun aktar qrib il-bdiewa u r-raħħala li jgħixu fit-Tramuntana ta' Malta u għall-bdiewa Għawdxin. Is-servizzi offruti minn AgriConnect huma bla ħlas u li permezz tagħhom il-bdiewa u r-raħħala jingħataw l-informazzjoni u l-għajnuna meħtieġa sabiex itejbu l-prattiċi agrikoli tagħhom. Hekk jiġi żgurat li l-attività agrikola tagħhom tkun konformi mal-obbligi tal-Politika Agrikola Komuni magħrufa bħala l-CAP. Dan jgħin sabiex il-bdiewa ma jitilfux fondi finanzjarji minħabba xi nuqqasijiet li dawn jista' jkollhom fl-intrapriża tagħhom u għalhekk il-ħidma agrarja tagħhom tkun waħda ta' suċċess.

Permezz tal-uffiċini ta' AgriConnect, il-bdiewa jingħataw ukoll pariri individwali u assistenza fl-għelieqi u fl-irziezet tagħhom sabiex jiġu idenitifikati l-problemi jew id-diffikultajiet li bidwi jew raħħal jista' jkollu. Dan l-uffiċċju jassigura li l-bdiewa u r-raħħala jsiru aktar konxji u familjari mal-obbligi mitluba minnhom, filwaqt li jippromovu d-diversifikazzjoni fl-attività agrikola tagħhom.

Dawk kollha interessati li jiksbu aktar informazzjoni dwar is-servizzi offruti minn AgriConnect jistgħu jikkuntattjawna fuq in-numri 21804981/2/4 jew jidħlu fuq is-sit elettroniku agriconnect.gov.mt.

# It-Tnedija tal-*Malta Food Agency*

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo ftit tal-ġranet ilu nieda il-*Malta Food Agency* fejn se tkun responsabbli biex timmaniġġja l-bejgħ tal-prodotti tal-ikel agrikolu, bħal-laħam u l-ħut lokali, kif ukoll tippromovi l-prodotti u ssib swieq alternattivi barra minn xtutna.

Apparti minn hekk il-*Malta Food Agency* se tkun qed tagħmel ukoll riċerka sabiex ittejjeb l-operat u l-proċessi fis-setturi tal-pitkalija, tal-pixkerija u kif wkoll fl-impjant tat-tqattigħ u l-ispulpjar tal-laħam fil-biċċerija.

Issa permezz tal-*Malta Food Agency* se jiġi żgurat li jkun hemm bażi amministrattiva u maniġerjali b'saħħitha. Se jiġu wkoll imnedijin proċeduri u proċessi adekwati apposta għall-andament tax-xogħol, kif ukoll struttura li se tgħin lill-bdiewa, lir-raħħala, lis-sajjieda u lill-partijiet interessati prinċipali.

Ix-xogħol diġà nbeda permezz ta' din it-tnedija ta' riforma ġewwa l-Pitkalija. Din ir-riforma saret minħabba problemi li kienu evidenti fosthom dawk ta' governanza, trasparenza u ta' organizzazzjoni li kienu jinkludu nuqqas ta' kontrolli ta' kwalità, traċċabilità tal-prodotti u l-preżentazzjoni tal-prodott.






Waqt il-konferenza stampa l-Ministru Refalo tkellem dwar kemm il-Pitkalija hija waħda mis-sorsi ewlenin għall-għejxien tal-bdiewa Maltin u Għawdxin. Fil-fatt tajjeb ngħidu li fil-Pitkalija hemm madwar 1,500 bidwi li jdaħħlu l-prodotti tagħhom u madwar elf xerrej li jużaw il-Pitkalija sabiex jixtru l-prodott lokali li fl-aħħar jaslu s'għand il-konsumatur. Dan kollu jammonta għall-kummerċ ta' frott u ħaxix frisk lokali li jaqbeż l-20 miljun fis-sena u għaldaqstant permezz ta' din ir-riforma huwa mistenni li se jitħaffef aktar il-proċess tax-xogħol u se jgħin sabiex inżidu t-traċċabilità u l-kontrolli.

Issa l-bidwi se jkun qed jingħata rċevuta tal-prodott li jkun daħħal fil-Pitkalija fejn il-bejgħ kollu se jiddaħħal mill-ewwel ġo sistema tal-informatika. Grazzi għal dan kollu, ix-xerrej se jingħata fattura skont ix-xiri tiegħu. Hemm ukoll uffiċċju tal-ħlasijiet ċentrali apposta sabiex ikun hemm kontroll assolut fuq id-djun u jiġi żgurat li l-bidwi jitħallas kif xieraq jiġifieri fil-ħin. Il-*Malta Food Agency* se tkun qed taħdem sabiex ittejjeb il-kwalità tal-prodott lokali fejn qed isiru preparamenti biex jiddaħħlu standards u studji ta' kif il-prodotti jistgħu jiġu ppakkjati u ppreżentati.

Din ir-riforma kienet mistennija għal ħafna snin imma issa bdiet. Fiha se jiġu implimentati proċessi u strutturi amministrattivi kif suppost. Il-Ministru Anton Refalo qal li l-Gvern, flimkien mal-istakeholders kollha, huwa kommess li jimplimenta din ir-riforma għall-benefiċċju tal-bdiewa, tal-konsumatur, u lill-partijiet interessati kollha.

Il-*Malta Food Agency* għandha tkun katalista tal-bidla kemm fil-qasam agrikolu u kif ukoll fost setturi oħrajn, għax se tipprovdi riċerka, gwida, strateġija u implementazzjoni ta' agrikultura aktar sostenibbli.

# Qbil Proviżorju dwar il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-Unjoni Ewropea

## Malta Tikseb Deroga biex Tkompli Tgħin lill-Bdiewa u lir-Raħħala

Kitba ta'
**BJORN AZZOPARDI**
*Direttur għall-Żvilupp ta' Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA)*

Il-Ministri għall-Agrikoltura Ewropej flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew qablu fuq ftehim proviżorju dwar l-elementi ewlenin tar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Dan kien ikkonfermat fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri għall-Agrikoltura li saret fil-Lussemburgu bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju u li għaliha attenda l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Dr Anton Refalo.

Din ma kinitx sfida faċli u, filwaqt li xi kwistjonijiet għadhom jeħtieġu aktar diskussjonijiet tekniċi, il-kompromess li sar kien aċċettabbli għal kważi l-istati membri kollha. Il-pakkett il-ġdid għandu jkun strumentali biex jgħin lill-bdiewa Ewropej jiffaċċjaw l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom matul is-snin u jgħinhom ikomplu jipprovdu s-sigurtà tal-ikel.

F'dan il-qbil proviżorju, Malta għamlet diversi kisbiet fl-interess tal-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin fosthom deroga li tippermetti għajnuna diretta lill-bdiewa u r-raħħala. Permezz ta' din id-deroga magħrufa bħala *Voluntary Coupled Support*, bdiewa u raħħala f'diversi setturi se jibbenefikaw minn allokazzjoni ta' €3 miljuni fis-sena matul is-snin kollha tal-programm ta' fondi. B'hekk, permezz ta' dan l-appoġġ dirett, il-Gvern Malti jista' jiżgura li jintlaħqu l-miri tal-istrateġija tal-Farm to Fork li timmira għal katini ta' provvista iqsar u sigurtà alimentari akbar, filwaqt li tassigura s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu lokali.

Malta assigurat ukoll flessibilità dwar kif l-istati membri jiddeterminaw iż-żoni rurali tagħhom fil-Pjan Strateġiku sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-fondi Ewropej. B'hekk ikun żgurat li ż-żoni rurali ta' Malta jkomplu jibbenefikaw mill-fondi għall-iżvilupp rurali u jindirizzaw ir-realtajiet territorjali tagħhom.

Barra minn hekk dan il-ftehim proviżorju jinkludi fih ukoll ambizzjonijiet ambjentali ogħla mill-programm eżistenti fosthom permezz tal-introduzzjoni ta' ekoskemi li se jkunu jammontaw għal madwar 25% tal-fondi fl-ewwel pilastru. Malta hawn ukoll għamlet kisba importanti bil-garanzija li jkun hemm il-flessibbiltajiet neċessarji, inkluż mekkaniżmu tar-rebate, li jirrikonoxxi l-isforzi li l-bdiewa diġà qed jagħmlu fit-tieni Pilastru tal-PAK. Ġiet ikkonfermata wkoll id-deroga li teżenta lill-bdiewa żgħar minn ċerti obbligi ambjentali u b'hekk jonqos il-piż amministrattiv.

Dan il-ftehim se jagħti wkoll għajnuna akbar lill-bdiewa żgħażagħ kif ukoll se jassigura kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol għall-ħaddiema impjegati f'dan is-settur.

Id-diskussjonijiet mistennija jkomplu matul it-tieni nofs tas-sena taħt il-Presidenza Slovena sabiex ikun hemm qbil fuq dettalji tekniċi pendenti u dan il-ftehim proviżjorju jsir wieħed finali.

### Żieda ta' 1,500 Tunnellata fl-Allokazzjoni tal-Ammont Massimu ta' Tonn li jista' jidħol fil-*Fish Farms* Maltin

Fl-istess Kunsill tal-Ministri għall-Agrikoltura u Sajd Ewropew ta' Ġunju, il-Kunsill adotta b'mod formali fir-Regolament Ewropew iż-żieda ta' kważi 1,500 tunnellata fl-allokazzjoni tal-ammont massimu ta' tonn li jista' jidħol fl-irziezet Maltin fl-istaġun ta' din is-sena. Din kienet deċiżjoni li l-Gvern Malti nnegozja b'suċċess fix-xhur li għaddew, liema deċiżjoni se tagħti nifs ġdid lis-settur tat-tonn, li hu settur importanti ħafna għal pajjiżna.

# Tiġi Ċċelebrata l-Festa tal-Imnarja b'Differenza

Il-Minsteru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali din is-sena nieda kampanja ta' promozzjoni u għarfien marbuta mal-festa tradizzjonali u folkloristika dik tal-Imnarja. Permezz tal-kampanja 'L-Imnarja b'Differenza – Il-Festa li Tixgħel it-Tradizzjoni' stajna nżommu ħajja din il-festa tant maħbuba kemm mill-Maltin kif ukoll mill-Għawdxin.

Il-festa tal-Imnarja hija waħda importanti ħafna fil-kalendarju kulturali Malti u bla dubju llum titqies bħala l-akbar festa agrarja f'pajjiżna u li fiha bħala poplu rridu ningħaqdu u niċċelebraw flimkien il-bżulija u l-ħidma siewja tal-bdiewa u r-raħħala, is-settur agrikolu u fuq kollox il-prodott lokali.

L-ewwel wirja relata mal-Imnarja fil-Buskett kienet saret fl-1854, fejn f'din il-wirja beda jsir ukoll il-wiri tal-bhejjem u tat-tjur, u wirjiet oħra bħal dawk tal-istrumenti u tal-għodda li kienu jintużaw primarjament fil-biedja.






Photo: DOI - Clodagh O'Neill



Photo: DOI - Clodagh O'Neill

Għat-tieni sena konsekuttiva minħabba l-pandemija, il-festa tal-Imnarja ma setgħetx issir bħala attività kif aħna mdorrijin ingawdu flimkien ġewwa l-ġonna mill-isbaħ tal-Buskett. Għalhekk nibtet l-idea biex din is-sena tingħata spinta lil din il-festa tant popolari. Il-Kampanja kienet tinvolvi filmati qosra li ntwerew fuq it-televiżjoni, fuq il-midja soċjali, fuq programmi ta' diskussjoni, kif ukoll permezz ta' filmati informattivi li wrew l-aspetti kollha li aħna nsibu f'din il-festa Nazzjonali.

# L-Iskema Nazzjonali *Prodotti ta' Kwalità*

**L-Iskema Nazzjonali *Prodotti ta' Kwalità* hija skema volontarja rikonoxxuta mill-Kummissjoni Ewropea bl-iskop li żżid il-valur ta' prodotti agrikoli skont standard u speċifikazzjonijiet miftiehma li jikkaratterizzaw il-kwalità superjuri ta' prodott partikolari.**

Din il-Marka ta' Kwalità, li se tkun qed titpoġġa fuq prodotti li jilħqu dan il-livell, se tkun garanzija li l-prodott li qed jinxtara mhux biss jilħaq l-istandards minimi Ewropej, iżda fih ukoll ċerti kwalitajiet li jmorru lil hinn minn dawn il-kriterji minimi stabbiliti fil-liġi. Dawn il-kwalitajiet jistgħu jirriflettu mill-mod kif il-prodott jiġi kkultivat jew imrobbi, ipproċessat, ippakkjat, maħżun u mwassal fis-suq. Din mhix se tkun sempliċement tikketta li titwaħħal ma' kwalunkwe prodott, iżda sservi wkoll ta' protezzjoni għall-prodotti u għall-produtturi ġenwini.

**Tfassil ta' standards ta' prodotti agrikoli**

Sabiex wieħed ikun jista' jipparteċipa f'din l-iskema l-ewwel irid jiġi mfassal standard fuq prodott partikolari. Id-Direttorat tal-Agrikoltura li jservi bħala l-Awtorità Kompetenti li tħaddem u timplimenta qafas legali (*Liġi Sussidjarja 427.90 Establishment of the 'Products of Quality' National Scheme Regulations*), ifassal dawn l-istandards wara konsultazzjoni mal-partjiet interessati fis-settur. Ladarba jintlaħaq ftehim fuq dan id-dokument, id-Direttorat iniedi l-proċess sabiex iressaq dan l-istandard quddiem il-Kummissjoni Ewropea. Dan l-istandard jgħaddi minn 90 jum fejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jistgħu jgħaddu l-kummenti tagħhom fuq dan l-istandard. Meta u jekk jiġi approvat mill-Kummissjoni Ewropea, kwalunkwe attur (operatur) fil-katina tal-valur agrikolu stabbilita fl-Istandard tal-Prodott Agrikolu għall-fini ta' din l-iskema jista' japplika sabiex jipparteċipa fl-Iskema Nazzjonali ta' *Prodotti ta' Kwalità*.

Fl-aħħar snin id-Direttorat tal-Agrikoltura ħadem ma' diversi għaqdiet u entitajiet mis-settur agrikolu, fosthom dawk involuti mal-produzzjoni tal-ħalib tal-baqra, tal-għasel, tal-laħam tat-tiġieġ u tal-ħalib, u prodotti tan-nagħaġ, bl-għan li jiġu żviluppati standards ta' prodotti ta' kwalità. Preżentement, l-istandard tal-ħalib tax-xorb tal-baqra huwa l-uniku standard li ġie approvat mill-Kummissjoni Ewropea. Bl-isforzi ta' kull min huwa involut wasalna fl-aħħar fażi sabiex jibda l-proċess ta' monitoraġġ li jsir mill-entitajiet approvati mid-Direttorat fuq ir-raħħala li applikaw għal din l-iskema sabiex dawn jiġu ċċertifikati. Ladarba l-ħalib jasal għand il-proċessur u jkun laħaq il-kriterji stabbiliti fl-istandard tal-ħalib tal-baqra, it-tikketta tal-Marka ta' Kwalità tkun tista' titwaħħal fuq il-prodott finali.

**Kif tista' tipparteċipa f'din l-iskema?**

L-individwu, li jista' jkun raħħal jew bidwi, proċessur,

distributur, trasportatur jew involut fl-ippakkjar jew fil-ħażna tal-prodott, jista' japplika biex jipparteċipa f'din l-iskema billi jimla l-applikazzjoni online pprovduta mid-Direttorat tal-Agrikoltura.

Flimkien mal-applikazzjoni, l-applikant irid jissottometti wkoll id-dokumenti meħtieġa skont mhu mitlub fl-istandard tal-prodott, fosthom dokument ta' awtokontroll, prova tal-ingaġġ ta' Korp ta' Kontroll indipendenti, u dokument ta' traċċabilità.

Wieħed mill-irwoli tad-Direttorat huwa li jevalwa l-applikazzjonijiet sottomessi. Jekk l-informazzjoni fl-applikazzjoni u d-dokumenti meħtieġa biex tipparteċipa fl-iskema jkunu validi, id-Direttorat jinforma lill-Korp ta' Kontroll sabiex iħejju spezzjonijiet fuq l-azjendi rispettivi tal-applikant sabiex jiġi aċċertat li l-applikant huwa konformi mal-liġi u mal-istandard tal-prodott, u li għandu wkoll dak kollu li hu meħtieġ sabiex jipparteċipa fl-iskema.

Wara l-ewwel spezzjoni, il-Korp tal-Kontroll joħroġ rapport bis-sejbiet matul l-ispezzjoni li jintbagħat lid-Direttorat. Dan ir-rapport jiġi rivedut mill-Uffiċjal tad-Direttorat u jekk l-applikant ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-istandard, l-applikant jiġi approvat fl-iskema. Mad-dħul fl-iskema, l-Awtorità Kompetenti toħroġ ċertifikat ta' aderenza fl-iskema u tniżżel lill-operatur fir-Reġistru tal-Iskema.

Ladarba approvat fl-iskema, kwalunkwe operatur li jipproduċi prodotti biex jiġu mmarkati bit-tikketta tal-Marka ta' Kwalità, ikun segwit minn Korp ta' Kontroll sabiex iħejju spezzjonijiet biex jiġi assigurat li l-operaturi qed jimxu b'konformità mar-regolamenti fis-seħħ. Dan ix-xogħol kollu jaċċerta l-kwalità superjuri tal-prodott filwaqt li tinżamm traċċabilità sħiħa tal-oriġini tal-prodott.

Sabiex din it-tikketta tkun tista' titwaħħal fuq il-prodott finali, l-operatur għandu mbagħad jissottometti l-applikazzjoni biex jingħata l-awtorizzazzjoni għall-użu tal-Marka ta' Kwalità.

Huwa biss wara li jiġu segwiti dawn il-passi li l-operatur jitħalla jwaħħal it-tikketta tal-Marka ta' Kwalità fuq il-prodott tiegħu. Permezz ta' din l-iskema, il-proċess sħiħ ta' produzzjoni tal-prodott se jkun traċċabbli, mill-għalqa jew razzett għal meta l-prodott ikun ippreżentat fuq il-mejda.

Ladarba l-proċess kollu jitwettaq għal sena, l-operatur jista' jissottometti claim form flimkien mal-irċevuti lill-ARPA sabiex jinkiseb ir-rimbors għas-servizzi provduti mill-Korp ta' Kontrolli u forrnituri oħra ta' servizzi relatati mal-Iskema.

L-iskop aħħari ta' din l-iskema hu li kemm il-popolazzjoni lokali, kif ukoll residenti barranin li jgħixu fil-gżejjer Maltin, jagħrfu d-dedikazzjoni u x-xogħol kollu li jsir sabiex dawk il-prodotti ittikkettati taħt din il-Marka ta' Kwalità jaslu fuq il-mejda tal-konsumatur.

Għal iktar informazzjoni wieħed jista' jżur is-sit elettroniku tad-Direttorat **ikeltakwalita.gov.mt** jew tintbagħat email fuq **ikeltakwalita.mafa@gov.mt**.



# Id-Dokument ta' Gwida dwar l-użu Xieraq ta' Veleni Perikolużi

**Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-Indafa Pubblika Deo Debattista, nedew dokument ta' linji gwida dwar l-użu xieraq ta' veleni perikolużi wara li kienet saret konsultazzjoni pubblika mill-MCCAA.**




Fl-2020 il-Kunsill għall-Ħarsien tal-Annimali, immexxi minn Dr Romina Frendo, kien issottometta lista b'seba' proposti bħala prijoritajiet li għandhom jinkisbu għall-ħarsien tal-annimali. Waħda minn dawn il-proposti kienet dik tat-tneħħija ta' veleni perikolużi li wieħed isib fis-swieq lokali b'mod wiesa' u li ġieli jkun hemm ukoll xi abbużi fl-użu tagħhom.

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali ħadem fil-qrib flimkien mal-Kunsill għall-Ħarsien tal-Annimali u mal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) sabiex ikun jista' jiġi identifikat fejn qed ikun hemm użu ħażin tal-velenu tal-bebbux u fl-aħħar mill-aħħar tinstab l-aħjar triq fil-futur.

Il-Ministru Refalo tkellem fuq l-importanza tad-djalogu u dwar kemm hu importanti li ssir konsultazzjoni pubblika mill-MCCAA rigward l-użu xieraq ta' dawn il-veleni.

Importanti li, bħala poplu, flimkien irridu nkomplu nissalvagwardjaw il-ħarsien tal-annimali li nħobbu b'tant għożża.

Il-veleni tal-bebbux u tal-bugħarwien issa jistgħu jinxtraw biss minn nies awtorizzati, ngħidu aħna l-bidwi, biex b'hekk jiġi żgurat li dawk li jixtru dawn il-prodotti jingħataw gwida xierqa dwar l-użu tiegħu biex jiġi evitat avvalenament ta' ċerti annimali.




PHOTO : DOI - Jason Borg




PHOTO : DOI - Jason Borg

# Il-Bijosigurtà u Sanità fir-Razzett

Kitba ta'
**STEPHEN SPITERI**
*Spiżjar Prinċipali Anzjan*
*Laboratorju Veterinarju Nazzjonali*
*Dipartiment għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali*

Biex jitnaqqas ir-riskju tar-reżistenza għall-antibijotiċi jrid jitnaqqas l-użu tagħhom.

Dan jista' jitnaqqas billi jonqos il-mard fil-bhejjem. Fuq quddiem nett sabiex il-bhejjem ma jimirdux hemm il-miżuri tal-bijosigurtà u sanità.

Dawn jgħinu wkoll biex titnaqqas il-mortalità, jitnaqqsu l-ispejjeż żejda u jtejbu l-kwalità tal-prodott, biex ma nsemmux l-importanza li għandhom fil-benesseri tal-annimali.

**Il-bijosigurtà**

Bijosigurtà huwa t-terminu li jiddeskrivi l-istrateġija ġenerali u l-miżuri sabiex iżommu jew inaqqsu l-mard milli jidħol fir-razzett. Dan jista' jsir billi jittieħdu l-miżuri li ġejjin:

- Jiġu limitati ż-żjarat mhux neċessarji, jinżammu rekords taż-żjarat, u jintlibes ħwejjeġ li jnaqqas il-kontaminazzjoni.
- Żjarat minn persuni li kienu ġo xi razzett fejn instab mard jistgħu jsiru biss wara li jgħaddu mill-inqas 72 siegħa.



- Ġeneralment ikun aħjar jekk iż-żjarat isiru l-ewwel fuq il-bhejjem ta' età żgħira u wara fuq il-bhejjem li huma akbar.
- Jekk jinġieb xi tagħmir minn razzett ieħor dan għandu jitnaddaf u jiġi diżinfettat kemm qabel u wara li jiddaħħal fir-razzett.
- Il-vetturi li jidħlu fir-razzett għandhom ikollhom ir-roti diżinfettati. Dan jista' jsir permezz ta' vaska ta' diżinfettant mad-dħul jew permezz ta' sprayers.
- Ir-razzett għandu jkun magħluq b'ċint; waqt li d-daħliet kollha għandhom jinżammu magħluqa.
- Annimali domestiċi, speċjalment tal-istess speċi, m'għandhomx jitħallew jitħalltu mal-bhejjem tar-razzett. Jekk ikunu qed jitrabbew xi bhejjem oħra dawn għandhom jinżammu f'postijiet separati b'daħliet differenti.
- Ir-raħħal irid jkollu sistemi għall-kontroll ta' parassiti, ħamiem selvaġġ u ġrieden. Irid ikun hemm monitoraġġ perjodiku minn esperti li juri li dawn is-sistemi qed jaħdmu.
- Il-kaxxi ta' kontra l-ġrieden għandhom jiġu mmarkati u miżmuma f'postijiet adattati.
- M'għandhomx jinżammu mkejjen bi fdaljiet ta' kwalunkwe rimi, veġetazzjoni bla kontroll u tagħmir li ma jkunx qed jintuża. Dawn kollha jistiednu l-parassiti u l-ġrieden.
- Għandhom jiġu msewwija xi tnixxijiet, ħsarat u tnixxijiet minn pajpijiet u silos tal-ilma jew għalf. Jekk ikun sar xi tixrid dan għandu jitnaddaf minnufih.
- It-toilets m'għandhomx jitqiegħdu fejn jinżammu l-bhejjem.
- Fid-daħla prinċipali tar-razzett għandu jkun hemm faċilità ddedikata għat-tibdil tal-ħwejjeġ u taż-żraben.
- Għadu jkun hemm faċilità għad-diżinfettazzjoni tal-idejn kull fejn ikun hemm bhejjem kif ukoll fl-imħażen.
- F'postijiet strateġiċi għandu jkun hemm banjijiet taż-żraben b'diżinfettanti apposta. Dawn m'għandhomx ikunu mikxufa sabiex titnaqqas il-kontaminazzjoni tagħhom u ma tinżilx ix-xita fuqhom. Qabel jiġu mgħaddsa ġo fihom iż-żraben għandhom jitnaddfu sew. Id-diżinfettant għandu jkun wieħed li joqtol firxa wiesgħa ta' mikrobi u li jaħdem malajr.
- Il-meters tal-elettriku u tal-ilma għandhom jitqiegħdu barra r-razzett.
- Għandhom jitnaddfu l-fdaljiet u t-trabijiet qabel jiġu trasferiti jew miġjuba xi



bhejjem ġodda. Attenzjoni għandha tingħata lil dawk l-imkejjen li jistgħu jintnesew, bħal travi, sistemi ta' ventilazzjoni u fannijiet.

- Tagħmir li ma jinħasilx bl-ilma, eż. partijiet elettriċi, għandhom jiġu *vacuumed* mit-trab u fejn possibbli *dry cleaned*.
- Għalkemm ir-razzett ikun tnaddaf u ġie ddiżinfettat xorta ta' min wieħed jistenna iżjed ġranet qabel jinġiebu merħliet ġodda. Wieħed għandu jiċċekkja dan mas-servizzi veterinarji.
- Il-kontenituri minn fejn jixorbu l-bhejjem u l-linji ta' pajpijiet tagħhom għandhom jiġu żvujtati sew qabel jiġu mlaħalħa bid-diżinfettant. Wara għandhom jinħaslu sew bl-ilma nadif.
- Il-kwalità tal-ilmijiet li jintużaw fir-razzett trid tiġi ttestjata mill-inqas darba fis-sena jew kif stipulat mil-liġi. Il-livelli ta' minerali u mikrobi fl-ilma ma jridux jaqbżu dawk stipulati fil-liġi.

## Is-Sanità

Diġà semmejna kif it-tindif huwa importanti biex jittieħdu miżuri ta' bijosigurtà. F'dil-parti tal-artiklu se niffokaw fuq mużuri ta' iġene, li huma l-pilastri ewlenin għal sanità tajba.

- Jekk qed jintużaw xi purtieri (ġieli tal-plastik) għandhom jinħaslu minn kull naħa.
- L-istalel għandhom jinħaslu minn tarf sa tarf b'attenzjoni speċjali fejn ikun hemm il-fannijiet u s-sistemi ta' ventilazzjoni.
- L-ilma maħmuġ għandu jitmexxa dejjem fid-direzzjoni ta' fejn ikun hemm is-sistema ta' ġbir għar-rimi tiegħu.
- Ebda kontenitur tal-ilma jew xkejjer tal-għalf m'għandhom jintelqu jiġru mar-razzett.
- Tankijiet tal-ilma għandhom jiġu mnaddfa u diżinfettati spiss.
- Biċċiet ta' tagħmir li jinqala' għandu jiġi mnaddaf sew b'deterġent u wara b'diżinfettant.
- It-toqob, kanali, u kanali tad-dranaġġi għandhom jinħaslu sew minn ġewwa b'deterġent. Fejn hemm bżonn jista' jintuża ħasil bil-pressa. Il-ħasil għandu jibda minn fuq u jkompli għal isfel.
- Wara d-diżinfettazzjoni huwa ta' vantaġġ li t-tnixxif isir kemm jista' jkun malajr; għalhekk l-użu ta' fannijiet huwa rrakkomandat.
- Huwa importanti wkoll li anke mkejjen fejn ma jinżammux bhejjem jinżammu ndaf. Dawn jinkludu uffiċċji, kmamar tal-locker u kċejjen.
- Il-ħwejjeġ tar-raħħal għandhom ikunu adattati u jinħaslu fit-temperatura xierqa kif irrakkomandat mit-tikketta tagħhom.
- Id-diżinfettanti għandhom jintużaw skont l-istruzzjonijiet tagħhom.
- L-uċuħ għad-diżinfettazzjoni għandhom jixxarrbu minn kull naħa u rokna.
- Għandu jkun hemm spezzjonijiet viżwali regolari u fejn hemm bżonn jittieħdu swabs u kampjuni mill-post. Dan jista' jiżgura li mikrobi perikolużi, ma jkunux preżenti.

## Biocheck.ugent®

Din hija għodda ta' punteġġ ibbażata fuq ir-riskju biex tevalwa l-kwalità tal-bijosiġurtà ta' merħla.

Il-partijiet interessati mis-saħħa tar-razzett jistgħu jagħmlu użu minn din l-għodda disponibbli liberalment (bil-kortesija tal-Belġju) li tista' tgħinhom fit-titjib tagħhom tal-istat tal-bijosiġurtà u billi jagħmlu dan itejbu s-sitwazzjoni ġenerali tas-saħħa tal-bhejjem u b'hekk inaqqsu l-użu tal-antibijotiċi.

Ġie żviluppat mill-Unità tal-Epidemjoloġija Veterinarja tal-Università ta' Ghent, taħt is-superviżjoni tal-Prof. Dr Jeroen Dewulf u b'appoġġ tekniku pprovdut minn Steven Bruneel.

Il-ħolqa għall-kwestjonarju u s-sistema ta' punteġġ li takkumpanjaha tista' tinstab f'dan is-sit elettroniku: **https://biocheck.ugent.be/en** jew minn fuq is-sit tad-Dipartiment: **https://agrikoltura.gov.mt/en/nvl/Pages/sim.aspx**



# Skema għall-Ippjanar tal-Produzzjoni lill-Bdiewa bbażata fuq il-Bejgħ ta' Prodotti Agrikoli (GRAPPA)

Kitba ta'
**BJORN AZZOPARDI**
*Direttur Żvilupp ta' Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA)*

Fid-dawl tal-miri Ewropej tal-*Green Deal*, l-Istrateġija tal-*Farm to Fork*, u fid-dawl tal-isforzi kontinwi fuq livell Ewropew biex tiġi żgurata produzzjoni sostenibbli u tiġi miġġielda l-ħela tal-ikel, il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA) nieda skema għall-ewwel darba li tipprovdi inċentivi finanzjarji lill-bdiewa li jiżviluppaw u jamministraw pjan ta' produzzjoni bbażat fuq il-provvista u d-domanda tas-suq lokali. Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali ħeġġeġ lill-bdiewa tal-art li jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom permezz tal-Pitkalija, biex iħejju pjanijiet ta' produzzjoni bbażati fuq pjan tal-uċuħ tar-raba', u li jiġi rivedut skont il-bżonn u minn tal-inqas darba matul is-sena kalendarja 2021.

L-ippjanar tal-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' huwa parti fundamentali iżda parti spiss injorata tal-biedja. Il-pjan tal-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba', żviluppat qabel ma jibda l-istaġun, jgħin lil dawk li jkabbru l-prodotti agrikoli biex jiddeterminaw kemm minn kull wiċċ tar-raba', iż-żmien u l-kwantità tal-ħsad matul l-istaġun tat-tkabbir u t-tħawwil wara xulxin jew ikopru l-uċuħ tar-raba', biex jagħmlu użu massimu taż-żona limitata limitata. Il-pjan tal-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' jgħin biex inaqqas b'mod sinifikanti nuqqas jew provista żejda ta' prodotti partikolari fi staġun ta' produzzjoni, u għaldaqstant jista' jikkontribwixxi għall-profittabbiltà għall-bdiewa






u l-produttività tas-suq. Il-bdiewa li applikaw għal din l-iskema qed jiġu pprovduti bl-għajnuna neċessarja mid-Dipartimenti rispettivi fi ħdan il-Ministeru sabiex ikunu jistgħu jaġġustaw il-produzzjoni tagħhom skont il-provvista u d-domanda tas-suq lokali.

Din l-iskema hija indirizzata għall-bdiewa attivi fis-settur tal-produzzjoni agrikola primarja li huma rreġistrati mad-Direttorat tal-Agrikoltura u mal-Pitkalija, u li jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom permezz tas-Swieq tal-Pitkalija. Huma biss il-prodotti li ġew prodotti fl-art agrikola tal-applikant u kkummerċjalizzati f'isem l-applikant li se jkunu eliġibbli għall-kalkolu tal-għotja. L-iskema qed tiġi implimentata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tal-agrikoltura, kif emendat.

Il-baġit disponibbli għall-iskema għas-sena 2021 huwa ta' €500,000 u madwar 2,000 bidwi rreġistrat kienu eliġibbli li japplikaw għal din l-iskema. Filwaqt li l-applikanti se jkunu suġġetti għall-kontrolli mid-Dipartimenti rispettivi fi ħdan il-Ministeru sabiex jiġi assigurat li l-applikanti qed jimxu mal-pjan tal-produzzjoni sottomess, il-pagamenti se jkunu kalkolati b'mod ekwivalenti għat-taxxa ta' 3% mħallsa b'rabta mal-bejgħ ta' prodotti agrikoli kkummerċjalizzati permezz tas-Suq tal-Pitkalija bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2021 li ma jkunux inqas minn €50 u mhux aktar minn €20,000 għal kull bidwi individwali. Fil-bidu tas-sena 2022 se jkun magħruf l-ammont ta' bejgħ irreġistrat minn kull applikant individwali fis-Suq tal-Pitkalija matul is-sena 2021 u għaldaqstant l-ammont ta' taxxa ta' 3% mħallsa fuq dan l-ammont ta' bejgħ. Wara li jiġu determinati l-ammonti tal-applikanti kollha, il-pagamenti huma ppjanati li jsiru sal-aħħar ta' Marzu 2022.



# Ix-Xogħol ta' Joe Gauci Maistre fil-Malta Rabbit Club

Fis-sena 2016 ġie introdott għall-ewwel darba Premju ta' Rikonoxximent li sar jingħata kull sena. Il-Malta Rabbit Club ħaseb li dan il-premju għandu jiġi ppreżentat fil-ġurnata speċjali tal-Jum Internazzjonali tal-Fenek li tiġi ċċelebrata kull sena, fir-raba' Sibt ta' Settembru.

Is-Sur Gauci Maistre ġie nnominat mill-Kumitat tar-Rabbit Club, bħala l-aktar persuna li kien ħaqqha tieħu dan il-premju sforz tad-dedikazzjoni tiegħu u l-innovazzjoni li ġab f'dan il-klabb. Is-Sur Maistre kellu għal qalbu dan il-klabb u ħadem qatigħ biex il-klabb dejjem imur għall-aħjar. Il-Klabb żgur ma kienx ikun l-istess mingħajr l-għajnuna prezzjuża tas-Sur Gauci Maistre.

Is-Sur Gauci Maistre ġie maħtur President tal-Klabb, wara li ħalliena s-Sur Debatttista. Is-Sur Debattista ħadem fi ħdan il-klabb għal tletin sena imma sfortunatament kellu jieqaf minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Is-Sur Gauci Maistre żar numru ta' rziezet tal-fniek madwar l-Ewropa biex jitgħallem dwar il-proċeduri tat-tnissil tal-fniek kummerċjali. Huwa mar it-Tuneżija biex jgħin u jagħti pariri lil nies li xtaqu jiżviluppaw irziezet tal-fniek. Fil-fatt bagħtilhom madwar mitt fenek biex ikunu jistgħu jibdew.

Kien ukoll mistieden bħala membru tal-ġurija fl-Ingilterra fejn hemm iġġudika ħafna fniek, flimkien mal-magħruf is-Sur Derek Medlock, espert fil-fniek.

Is-Sur Gauci Maistre kellu madwar elf fenek ta' ħafna razez diversi fosthom; New Zealand White, California, Chinchilla u Angora. Hu esperimenta fit-taħlit tar-razez u beda żewġ razez ġodda; Ghallis Giant u Maltese Silver. Kiteb ukoll ktieb dwar il-fniek li jismu "Tax- Xiber", kif ukoll ippreżenta artiklu waqt il-konferenza tal-Jum Dinji tal-Fenek, f'Adana, fit-Turkija. Kien membru tal-World Rabbit Science Conference u attenda diversi konferenzi fl-Italja, l-Amerika, l-Ungerija, Spanja, Franza u l-Messiku. Kiteb ukoll artiklu fir-rivista, 'Il-Passa' fejn tkellem fuq 46 razza ta' fniek differenti.

Is-Sur Gauci Maistre kien il-President meta sar il-ftehim




dwar il-Petting Farm u kien hu li ħa ħsieb id-disinn u d-dettalji tal-proġett tar-Rabbit Zoo.

Is-Sur Felix Farrugia, il-President attwali fi ħdan il-Malta Rabbit Club ippreżenta dan il-premju ta' rikonoxximent lis-Sur Gauci Maistre tal-kontribuzzjoni imprezzabbli u d-dedikazzjoni lejn il-Klabb. Żgur li l-Klabb tagħna ma kienx ser ikun ta' suċċess għajr il-kontribuzzjoni siewja tiegħu.

Nirringrazzjawh immens tal-wirt li ħallielna u nibqgħu ngħożżuh u nħaddnuh għas-snin li ġejjin.

**Is-Sur Joe Gauci Maistre ħalliena għal ħajja ta' dejjem fis-26 ta' Settembru 2018**



# Il-Laboratorju tal-Mikropropagazzjoni tal-Pjanti

Kitba ta'
MATTHEW TABONE, LOUIS JOHN FRESTA, CHARLOT ATTARD, NEIL J TIRCHETT
*Uffiċjali Xjentifiċi*



Fig. 1 – Id-daħla tal-laboratorju tal-mikropropagazzjoni tal-pjanti

Il-Laboratorju tal-Mikropropagazzjoni jinstab fi ħdan id-Direttorat għall-Protezzjoni tal-Pjanti ġewwa Ħal Lija.

L-għan ewlieni ta' dan il-laboratorju hu li jnissel xitel li jkun ħieles minn mard ta' kwarantina u ta' kwalità u jikkontribwixxi fil-konservazzjoni u fit-tkattir ta' speċi u varjetajiet lokali ta' pjanti, ħxejjex u siġar tal-frott.

Sa mit-twaqqif tiegħu fis-snin disgħin, il-laboratorju kien ta' assistenza għas-settur agrikolu u kien strumentali fil-produzzjoni tas-salvaġġ tal-frott irqiq: varjetà GF677 u Myrabolan, aktar riċenti fil-produzzjoni ta' xitel tat-tin biex jiġi mrażżan l-impatt kbir li ħalliet il-ħanfusa *Hypocryphalus scabricollis* fis-siġar tat-tin lokali, kif ukoll il-konservazzjoni ta' varjetajiet lokali taċ-ċitru ħielsa mill-mard.

Din l-għajnuna lejn is-settur agrikolu baqgħet tikber maż-żmien u tul dawn l-aħħar snin bdiet tingħata aktar attenzjoni għal xogħol fuq tkattir ta' siġar tal-frott li jitqiesu bħala indiġeni, arkeofiti jew razez agrikoli, fosthom it-tut, u ċ-ċawsli, fejn dawn ukoll sofrew sfreġju mill-ħanfusa aljena *Phryneta leprosa.* Il-konservazzjoni ta' varjetajiet agrikoli huwa xogħol ferm importanti għal dan iċ-ċentru għaliex numru ta' varjetajiet li kellhom potenzjal fl-industrija u li kienu komuni sa ftit snin ilu ġew estinti, fosthom il-frawla Maltija u diversi varjetajiet ta' dwieli.

Bħalissa qiegħed ukoll isir xogħol esperimentali fuq il-lanġas tal-Lvant (*Pyrus syriaca*) u d-deru (*Pistacia lentiscus*) bil-ħsieb li dawn jibdew jintużaw bħala s-salvaġġ għat-tlaqqim ta' varjetajiet lokali bħall-bambinella, bħal fil-każ tal-lanġas tal-Lvant u jiġi esplorat suq ġdid għall-pistaċċi. Barra minn hekk qiegħda ssir ħidma ħalli fil-futur qarib ikollna wkoll produzzjoni ta' ċitru u frott irqiq b'varjetajiet lokali għall-bdiewa Maltin.

**Xogħol ieħor**

Il-laboratorju tal-mikropropagazzjoni jkun involut minn żmien għal żmien f'riċerka fil-konservazzjoni ta' pjanti indiġeni, billi jiżviluppa metodi biex dawn il-pjanti jiġu mkattra skont il-ħtieġa. Dan il-proċess huwa t'importanza għal dawk il-pjanti li llum il-ġurnata huma rari fil-gżejjer Maltin, in-numru ta' żrieragħ tagħhom huma ftit wisq, it-tkattir tagħhom b'metodi konvenzjonali huwa pjuttost diffiċli, jew huma mhedda minħabba raġunijiet oħra. Għal dan il-għan, matul is-snin saru studji fuq diversi pjanti endemiċi, inkluż is-Sempreviva t'Għawdex u l-Bjanka tal-Irdum. Billi l-laboratorju huwa parti mis-Sezzjoni għall-



Fig. 2 – Xitel tat-tut f'taħlita li tistimola l-produzzjoni tal-friegħi




Fig. 3 – Kamra tal-inkubazzjoni f'ambjent ikkontrollat għall-iżvilupp tax-xitel

Konservazzjoni tar-Riżorsi Ġenetiċi, li xogħolha huwa wkoll il-konservazzjoni, ir-riċerka u l-użu ta' pjanti slavaġ kompatibbli ma' pjanti agrikoli, dan it-tip ta' xogħol ser ikompli fis-snin li ġejjin, skont il-bżonn, billi jiġi esplorat il-potenzjal agrikolu ta' dawn l-ispeċi.

Barra minn hekk, fil-futur qarib, il-laboratorju tal-mikropropagazzjoni ser ikollu rwol ieħor importanti fil-konservazzjoni ta' varjetajiet agrikoli bl-assistenza lill-bank tal-ġenetika fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti. Dan minħabba l-fatt li wieħed mix-xogħlijiet ta' dan l-istess bank ser tkun il-ħażna ta' materjal ġenetiku permezz tal-krijopreservazzjoni. Din it-tip ta' teknoloġija tirrikjedi li l-materjal jitkabbar u jitnaddaf mill-mard permezz tal-mikropropagazzjoni qabel jiġi ppreservat f'nitroġenu likwidu b'temperatura ta' -196°C. Fost il-pjanti li għandhom jiġu kkonservati b'dan il-mod insibu ħafna speċi u varjetajiet tas-siġar taċ-ċitru għaliex iż-żrieragħ tagħhom mhumiex kapaċi jgħixu fin-nixfa u l-kesħa neċessarji għall-ħażna tagħhom.

### Il-proċess imfisser

Il-mikropropagazzjoni huwa qasam tal-bijoteknoloġija li jsib użu fis-setturi tal-ġenetika, farmaċewtika, agrikoltura, u konservazzjoni fost oħrajn. Din it-teknoloġija tuża l-proċessi naturali tal-pjanti nnifishom biex, pereżempju, jitkabbru pjanti ġodda, jinħolqu varjetajiet uniċi, jew jiġu magħmula sustanzi utli għall-mediċina.

Il-proċess tat-tkattir bil-mikropropagazzjoni jibda billi t-tekniċi jagħżlu xitla jew siġra li tilħaq ċerti kriterji, sew ta' saħħa u anke fil-propjetajiet tal-varjetà magħżula għat-tnissil. Id-deċizjoni ta' liema partijiet tal-pjanta jintużaw għal dan il-proċess issir fuq il-post.

Il-materjal miġbur minn dawn il-pjanti jiġi meħud fil-laboratorju fejn jiġi mnaddaf u mqiegħed f'kontenituri tal-ħġieġ b'taħlita ta' sustanzi nutrittivi u li jirregolaw l-iżvilupp biex jistimulaw it-tkabbir ta' ċelloli, tessuti jew organi ġodda.

Kull speċi għandha l-bżonnijiet nutrittivi tagħha, allura din it-taħlita tvarja skont l-ispeċi mkabbra, u sikwit anke skont il-varjetà. Il-kontenituri bix-xitel jitqiegħdu f'ambjent ikkontrollat, fejn id-dawl u t-temperatura jkunu ottimizzati għal rata għolja ta' tkattir. Kwalunkwe manipulazzjoni tax-xitel issir fi kmamar u b'apparat apposta b'arja ffiltrata.

Ix-xitel imkabbar b'dan il-metodu jista' jinħeles minn mikroorganiżmi jew virus li jikkaġuna l-mard, u jipproduċi pjanti li huma iżjed vigorużi u safjin. Huwa wkoll possibbli li l-pjanti jiġu esposti għal sustanzi magħmulin minn organiżmi li normalment jikkaġunaw il-mard f'dawn il-pjanti sabiex il-pjanti mkabbrin bil-mikropropagazzjoni jiżviluppaw difiża naturali kontrihom. Dawn huma ftit mill-benefiċċji ta' din it-teknoloġija u l-potenzjal fir-riċerka applikata u żvilupp.

Ix-xitel ħieles mill-mard jitkattar sakemm fl-aħħar jiġi mqiegħed fuq taħlita li flok friegħi ġġiegħel ix-xitel ikabbar l-għeruq, jekk dawn ma jxenxlux awtomatikament.

La darba x-xitel ikun żvilluppa l-għeruq, dawn jiġu ttrasferiti fuq taħlita ta' terriċċju u perlite fost l-oħrajn, f'serra apposta. Waqt dan il-proċess ta' akklimatizzazzjoni, ix-xitel jitqiegħed f'ambjent ta' umdità u dawl ikkontrollat biex b'hekk jibda jidra ftit ftit l-ambjent estern.

Bħala konklużjoni ta' min jgħid illi permezz tal-proċess ta' mikropropagazzjoni eluf ta' xitel ħielsa mill-mard jista' jitkabbar f'temp ta' ftit xhur u għalhekk dan ix-xogħol għandu sehem importanti fil-produzzjoni agrikola lokali.



Fig. 4 – Xitel tat-tut fis-serra għall-akklimatizzazzjoni wara t-tkattir bil-mikropropagazzjoni

# L-Użu tas-*Soil Tensiometers* fit-Tisqija tal-Uċuħ tar-Raba'

Kitba ta'
JOHN GALEA
*MCAST*

L-ilma huwa essenzjali fit-tkabbir tas-siġar u l-pjanti u sar riżorsa imprezzabbli għall-gżejjer Maltin minħabba n-nuqqas ta' xita f'dawn l-aħħar snin. Is-sorsi tal-ilma importanti għall-bdiewa huma l-ilma tal-pjan, ilma miġbur tax-xita u tal-widien, u n-*New Water* (ilma msoffi mid-drenaġġ). Għalkemm l-ilma huwa "b'xejn" xorta waħda għandna nieħdu ħsiebu sabiex iservina u nibżgħu għall-kwalità tiegħu (speċjalment minħabba mluħa). Apparti dan, is-sistemi tat-tisqija bil-qatra u sprinklers jużaw l-enerġija sabiex jitħaddmu fil-forma ta' pompi tad-dawl jew bil-fuel. Sistemi li jgħinu sabiex l-ilma jintuża b'aktar għaqal ser jgħinu sabiex nibżgħu aktar għall-ilma u nnaqqsu l-ispejjeż fil-konsum ta' dawl/fuel.

*Is-soil tensiometers* huma sensors li jkejlu kemm l-għeruq tal-pjanta qed ibatu sabiex jiġbdu l-ilma mill-ħamrija. Jeżistu diversi tipi ta' dawn is-*soil tensiometers*, ibda minn dawk l-aktar sempliċi li jagħtuk il-qari tas-*soil water tension* fuq *pressure gauge*, għal dawk aktar avvanzati li jistgħu jitqabbdu mas-sistema tat-tisqija u b'hekk issir waħda awtomatika. Hemm dawk li jaħdmu b'mod manwali u oħrajn li huma elettroniċi. Dawn is-*soil tensiometers* huma għodda sempliċi imma effettiva għaliex jimmarkaw jekk il-pjanta hix qed tbati biex tiġbed l-ilma mill-ħamrija. Allura huma effettivi biex wieħed ikun jaf jekk il-pjanta għandhiex bżonn tissaqqa jew le.

Din is-sena ntużaw is-*soil tensiometers* fit-tkabbir tal-patata tal-varjetà Cara. Dan sar f'waħda mill-għelieqi ġewwa ċ-ċentru tal-agrikoltura tal-MCAST. Inżergħu b'kollox 50kg ta' żerriegħa f'Jannar 2021 fi tnax-il radda bi spazju ta' 1.3m 'il bogħod minn xulxin. Għal nofs Frar, l-għalqa intramat bil-pajpijiet tad-dripp u ħadet żewġ tisqijiet qabel ma *s-soil tensiometers* tpoġġew fil-ħamrija. Wara dan, sitt raddi bdew jissaqqew bl-għajnuna tas-*soil tensiometers* mentri s-sitta l-oħra ssaqqew bħas-soltu (skont jekk il-ħamrija hix niedja u jekk il-faxxina hix qed turi sintomi ta' nuqqas ta' ilma). Il-patata tal-esperiment issaqqiet kull meta t-*tensiometer* kien qed jaqra aktar minn 40kPa sakemm tinżel inqas minn 15kPa. B'dan il-mod ikun hemm biżżejjed ilma għall-pjanta tal-patata biex ma ssofrix għatx. L-ammont ta' ilma li ntuża ġie mkejjel permezz ta' meters tal-ilma. Meta l-patata waslet biex tinqala', ittieħdu 60 bejta patata minn kull grupp bħala kampjun. Kull kampjun intiżen u n-numru ta' patata ta' kull bejta ngħadd.

Ir-riżultati li nġabru wrew li ma kienx hemm differenza kbira bejn il-produzzjoni tal-patata li ssaqqiet bit-



*tensiometers* u dik li ssaqqiet b'mod normali. Iżda l-patata tat-*tensiometers* ħadet 16m³ (3500 gallun) ta' ilma anqas mill-oħra. Dan huwa ammont mhux ħażin, meta wieħed iżomm f'moħħu l-ammont ta' żerriegħa tal-patata li nżergħet (bejn wieħed u ieħor terz ta' tomna).

B'dan l-esperiment wieħed jista' jara li dawn is-*soil tensiometers* huma għodda sempliċi li ma jiswewx ħafna flus iżda jgħinu biex it-tisqija ssir b'aktar għaqal, ippjanata u mingħajr ħela. Meta tidra tużahom, tkun tista' tippjana meta bejn wieħed u ieħor trid issir it-tisqija li jmiss. Min jixtieq aktar tagħrif fuq dawn is-soil tensiometers jew fuq l-esperiment li sar, wieħed jista' jibgħat email fuq l-indirizz elettroniku **john.galea@mcast.edu.mt**.

# Il-Gvern Jalloka €350,000 fi Skema ta’ Kumpens għal Sajd Sostenibbli

Kitba ta’
**BJORN AZZOPARDI**
*Direttur Żvilupp ta’ Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA)*




Nhar il-Ġimgħa 25 ta’ Ġunju, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo ħabbar il-ftuħ ta’ skema ta’ Kumpens għal Sajd Sostenibbli fil-bini tal-pixkerija l-ġdida fil-Marsa. Din l-iskema hija fid-direzzjoni tal-politika Ewropea skont il-*European Green Deal* u l-istrateġija *Farm to Fork* filwaqt li hija wkoll miżura tal-baġit għas-sena 2021. Fil-fatt il-Gvern alloka madwar €350,000 għal din l-iskema sabiex jikkumpensa lis-sajjieda li jadottaw numru ta’ miżuri u metodi li jnaqqsu l-impatt negattiv fuq l-ibħra tagħna u fuq l-ambjent marittimu.

Din l-iskema qed toffri kumpens lis-sajjieda li huma rreġistrati mad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura bħala MFA jew MFB. Barra minn hekk, is-sajjieda li jirreġistraw huma rikjesti li jbigħu mhux inqas minn 25% tal-qabdiet li jinħattu l-art bejn l-1 ta’ Lulju u l-31 ta’ Diċembru 2021 fis-Suq tal-Ħut fil-Marsa. Għalhekk, din l-iskema qed tħeġġeġ biex isir iktar użu mill-faċilitajiet tas-Suq tal-Ħut li wkoll kien ġie ffinanzjat minn Fondi Ewropej u inawgurat fl-2015.



Bħala parti minn din l-iskema li qed tiġi implimentata f’konformità mar-regolamenti tal-għajnuna mill-istat De Minimis, qed jiġu pprovduti żewġ tipi ta’ assistenzi fejn is-sajjieda ntalbu jagħżlu waħda minnhom. Minkejja li s-settur tas-sajd Malti huwa wieħed artiġjanali u l-impatt tiegħu fuq l-istokki tal-ħut u l-baħar mhuwiex daqstant kbir meta kkumparat ma’ industriji kbar tas-sajd, b’din l-iskema se nkunu qed nagħmlu l-parti tagħna biex is-settur tas-sajd tagħna jsir wieħed aktar sostenibbli. Għaldaqstant taħt l-ewwel għażla se jkun qed jingħata rimbors finanzjarju sa €700 għal kull bastiment għall-ispiża tax-xiri ta’ rkapti tas-sajd li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Taħt it-tieni għażla s-sajjieda li jagħżlu jnaqqsu l-qawwa tal-magna ewlenija fuq il-bastiment tagħhom se jkunu eliġibbli biex jirċievu kumpens finanzjarju għal perjodu ta’ ħames snin konsekuttivi skont il-qawwa li titnaqqas sa massimu ta’ €2,000 fis-sena. Dawn is-sajjieda ħa jirċievu wkoll il-flus li jintefqu għar-rapport inizjali tas-servejer, ix-xogħol biex titnaqqas il-magna kif ukoll iċ-ċertifikat il-ġdid tal-magna. Is-sajjied irid jipprovdi evidenza ċara mir-rapport tax-*ship surveyor* li l-qawwa tal-magna tista’ titnaqqsilha mingħajr ma taffettwa l-operazzjonijiet tal-bastiment.

Din il-miżura tikkumplimenta miżuri oħrajn favur sajd dejjem aktar sostenibbli fosthom tibdil fil-leġiżlazzjonijiet, skemi ta’ restawr ta’ dgħajjes tradizzjonali, skema t’għajnuna biex ngħinu lis-settur tas-sajd itaffi mill-impatt negattiv tal-pandemija, korsijiet ta’ taħriġ lis-sajjieda, proġetti ta’ riċerka fosthom il-proġett Pan Paffinus li flimkien mal-Birdlife ġie varat propju ftit jiem qabel tħabbret din l-iskema li permezz tiegħu se noħolqu sistema aħjar dwar kif tinġabar data u moniteraġġ dwar il-konservazzjoni ta’ żewġ speċi t’għasafar, kif ukoll infrastruttura moderna permezz ta’ diversi proġetti implimentati minn Infrastructure Malta bħalma ġew mibnija mill-ġdid l-islipways kollha f’Marsaxlokk, bini ta’ landing site ġdid f’Marsaxlokk, proġetti fl-Imġarr u Xlendi Għawdex, kif ukoll il-bini ta’ breakwater ġdid fil-Ponta tal-Qrejten f’Marsaxlokk.

# It-Tnedija ta' Skema Nazzjonali għall-Benesseri tal-Majjal

**L-Iskema Nazzjonali għall-Benesseri tal-Majjal hija ffinanzjata bis-sħiħ minn Fondi Nazzjonali fejn ġie allokat baġit importanti ħafna li jammonta għal €446,000 fis-sena għal perjodu ta' ħames snin.**




Din l-iskema hija mmirata sabiex il-Gvern ikun jista' jagħti aktar għajnuna finanzjarja lir-raħħala Maltin u Għawdxin li huma attivi fis-settur tal-majjal u li huma eleġibbli skont id-definizzjoni stipulata mir-Regolament tal-Unjoni Ewropea Nru 1307/2013 kif ukoll dawk li huma rreġistrati fil-produzzjoni tal-majjal. B'mod volontarju jkunu jistgħu jkomplu jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għejxien u l-benesseri tal-annimali fl-azjendi agrikoli tagħhom.

L-għajnuna finanzjarja taħt din l-iskema se tingħata fuq medda ta' ħames snin lil dawk ir-raħħala fis-settur tal-majjal li volontarjament iżidu l-ispazju ta' fejn jinżamm il-majjal fl-azjendi tagħhom.

Il-pagamenti li ser jingħataw b'mod annwali se jkunu bbażati fuq ħlas għal kull majjala eliġibbli li qed tibbenefika mill-azzjonijiet meħuda mir-raħħala biex itejbu l-benesseri tagħhom. Il-pagament għal kull majjala huwa dak ta' €150.

Il-Ministru Anton Refalo qal li skemi bħal dawn juru biċ-ċar l-importanza li l-Gvern qed jagħti lejn il-benesseri tal-annimali, u qed jinċentiva lil dawk involuti f'dan is-settur sabiex jagħmlu sforzi akbar u jmorru lil hinn minn dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni sussidjarja li tistipula r-regolamenti dwar l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-majjal.

L-ARPA bagħtet applikazzjonijiet *pre-filled*, flimkien mal-kuntratti taħt din l-iskema lil kull min kien eliġibbli.



Photo: DOI - Omar Camilleri

# Ħidma kontinwa mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali

Kitba ta'
ROBERT CUTAJAR
*Prinċipal fid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali*

**Parteċipazzjoni b'suċċess waqt Skola Sajf 2021**

Matul ix-xhur tas-Sajf, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali kompla għaddej bil-ħidma tiegħu sabiex iwassal aktar informazzjoni u edukazzjoni fost l-istudenti li kienu qed jattendu fl-inizjattiva Skola Sajf madwar Malta u Għawdex. L-għan prinċipali ta' dawn is-sessjonijiet huwa li, filwaqt li nkomplu nferrxu ħidmet id-Direttorat, jiżdied l-għarfien dwar l-importanza li nieħdu ħsieb l-annimali u dwar l-aħjar prattiċi li għandna nużaw f'dan ir-rigward.

Din is-sena, għall-ewwel darba, id-Direttorat kien preżenti f'kull ċentru fejn kienet qed issir Skola Sajf. Dan fisser li konna preżenti f›40 ċentru li fihom kienu qed jattendu mijiet ta' studenti. Is-sehem tagħna f'kull ċentru kien jikkonsisti fi preżentazzjoni edukattiva u informattiva dwar il-ħarsien tal-annimali kif ukoll dettalji dwar dak kollu jwettqu b'tant impenn u dedikazzjoni l-ħaddiema tad-Direttorat. Din is-sena ġie ppreparat ammont ta' materjal awdjo viżiv li ġie utilizzat waqt is-sessjonijiet u l-preżentazzjonijiet mtellgħa mill-Uffiċjali tad-Direttorat fl-iskejjel. L-iskejjel ingħataw aċċess għal dan il-materjal kollu biex seta' jintuża fi ġranet oħra u b'hekk l-informazzjoni dwar il-ħarsien tal-annimali kienet disponibbli tul il-ġranet kollha.

Interessanti kienet ukoll kompetizzjoni li d-Direttorat nieda fost l-istudenti li attendew waqt Skola Sajf ta' din is-sena. Dawn intalbu sabiex jiġbdu filmati qosra bil-mowbajl tagħhom, jew tal-ġenituri tagħhom, waqt li jkunu mal-pet favorit tagħhom. F'Ottubru li ġej, fil-Jum Iddedikat għall-Ħarsien tal-Annimali ser ikunu qed jitħabbru l-ismijiet tar-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni ħelwa. Bħala rigal huma ser jingħataw kotba li s-suġġett tagħhom ikun jittratta l-annimali.

**Kampanja Nazzjonali dwar Addozzjoni ta' Qtates**

Matul l-aħħar ġimgħat id-Direttorat, taħt it-tmexxija tad-Direttur Patricia Azzopardi, intensifika l-ħidma tiegħu fuq Kampanja Nazzjonali dwar aktar għarfien u informazzjoni fuq wieħed x'għandu jagħmel biex jadotta qtates. Ħejjejna wkoll filmat edukattiv dwar is-suġġett fejn, apparti li ntwera fiċ-Ċentri kollha ta' Skola Sajf ġie wkoll mtella' fuq il-midja soċjali. Għal aktar informazzjoni fuq adozzjoni ta' qtates wieħed jista' jċempel fuq 22924132.




**Preżenza fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum**

Matul l-aħħar ġranet id-Direttorat imbarka fuq proġett ġdid. Fil-fatt inlaħaq ftehim mad-Dipartiment responsabbli mill-Qasam tal-Anzjani f'pajjiżna sabiex minn Ottubru, uffiċjali tad-Direttorat jibdew iżuru ċ-Ċentri ta' Matul il-Jum li għandna f'numru ta' lokalitajiet f'pajjiżna.

Dawn il-laqgħat mal-anzjani ser ikunu jikkonsistu f'sessjonijiet ta' informazzjoni u edukazzjoni relatati mal-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna kif ukoll sabiex il-pubbliku inġenerali jifhem u jkun jaf aktar dwar ħidmet id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali. Diversi filmati li ħejja d-Direttorat fl-aħħar ġimgħat ser ikunu qed jintwerew ukoll waqt dawn l-istess laqgħat. Dawn is-sessjoni se jkunu organizzati skont il-protokolli maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

# Jiġu Allokati Numru ta' Rimji tal-Lampuki għas-Sajjieda Dilettanti

Ix-xahar li għadda saret inizjattiva fejn is-sajjieda dilettanti ser ikunu allokati numru ta' rimji u ċimi tal-lampuki madwar il-kosta ta' Malta u Għawdex.

Din l-inizjattiva saret wara konsultazzjoni wiesgħa mal-istakeholders kollha fis-settur kif ukoll wara li kienet saret laqgħa għall-għaqdiet kollha tas-sajd fejn fiha ġew diskussi l-proposti mressqa u wara ntlaħaq ftehim biex is-sajjieda dilettanti din is-sena jkollhom ir-rimjiet u ċ-ċimi tal-lampuki. Kull sajjied, kemm kummerċjali kif ukoll dilettant ikun qed jistenna l-istaġun tal-lampuki li normalment jiftaħ fil-15 ta' Awwissu u jibqa' għaddej sal-aħħar ta' Diċembru.

Fis-snin ta' qabel, is-sajjieda dilettanti kienu jgawdu minn awtorizzazzjoni sabiex huma wkoll ikunu jistgħu jitfgħu xi ċimi tal-lampuki matul il-kosta ta' Malta u Għawdex. Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jinsab konxju mill-entużjażmu u x-xewqa tas-sajjieda dilettanti u biex ikollhom l-opportunità li joħorġu jistadu għal-lampuki u għalhekk nieda programm ta' konsultazzjoni ma' diversi entitajiet involuti sabiex ikun jista' jesplora l-possibilità li l-għaqdiet tas-sajjieda dilettanti jkollhom ukoll rimja taċ-ċimi għal-lampuki.

Din is-sena ser jiġi varat proġett pilota sabiex id-dilettanti Maltin u Għawdxin tas-Sajd ikunu jistgħu joħorġu jrejxu għal-lampuki fuq iċ-ċimi tagħhom.

Il-proposti prinċipali li ġew aċċettati kienu dawn:

- Il-Federazzjoni u l-għaqdiet tas-sajjieda dilettanti jingħataw spazju għar-rimi ta' tliet rimji, tnejn mal-kosta tal-Lvant ta' Malta u waħda mal-kosta tal-Punent.
- Kull rimja tad-dilettanti ma jistax ikollha aktar minn tletin ċima.
- Kull ċima jrid ikollha numru li jidentifika mal-għaqda responsabbli. Dan in-numru jinħareġ mid-Dipartiment tas-Sajd.
- Għal dawk il-bastimenti ta' sajd rikreattiv li ma jistgħux jitbiegħdu mill-kosta Maltija jiġu identifikati siti fil-baħar tliet mili nawtici 'l barra mill-kosta quddiem il-lokalità tal-Għaqda fejn jistgħu jintremew sa tliet ċimi għal kull bastiment. Kull ċima trid tkun immarkata bin-numru tal-bastiment tas-sajjied rikreattiv.
- Il-lampuki jista' jinqabad biss permezz tas-sajd bir-rixa. L-ebda rkaptu ta' sajd ieħor ma jista' jintuża.
- Kull għaqda u/jew individwu jrid japplika għal permess fuq il-*FishApp* tad-Dipartiment tas-Sajd.
- Kull individwu jew għaqda jridu jirrappurtaw il-qabda tal-Lampuki lid-Dipartiment tas-Sajd.
- Il-qabda tal-lampuki mid-dilettanti tas-sajd ma tistax tiġi kkummerċjalizzata.
- Meta jagħlaq l-istaġun, l-għaqdiet u d-dilettanti tas-sajd iridu jiżguraw li jinġabru ċ-ċimi kollha li jkunu ntefgħu għall-użu tad-dilettanti tas-sajd.



# Evalwazzjoni ta' Alternattiva Naturali għall-Koċċidjostatiċi

Kitba ta'
MARIJA ZAMMIT
*Riċerkatriċi MCAST*

DAVID COLEIRO
*Lettur MCAST*

Il-Koċċidjosi hija waħda mill-mardiet komuni li r-raħħala madwar id-dinja jiffaċċjaw. Din il-marda hija kkawżata minn organiżmi ta' ċellola waħda li jissejħu 'coccidia' jew kif inhuma magħrufa bil-Malti, 'koċċi'. Dan l-organiżmu protozoan huwa mikroskopiku li naturalment jagħmlu inviżibbli għall-għajn. Għalkemm żgħir, jista' jagħmel ħsara kbira lill-annimal affettwat tant li jista' jwassal għall-mewt.

Dan l-istudju kien iffukat fuq ir-razza tal-brojlers, tiġieġ tal-laħam, Ross 308. Sintomi komuni tal-koċċidjosi huma telf ta' piż, sfurija, rix imħawwad, nuqqas ta' aptit u ħmieġ (dijarea) bid-demm. Għalkemm ħafna minn dawn is-sintomi jistgħu jidhru wkoll f'annimali oħra, mhux biss annimali tar-razzett, fl-irziezet, minħabba densità ta' popolazzjoni għolja, dan il-mard joħroġ iktar u jista' jkun hemm rata għolja ta' mortalità jekk ma jkunx ikkontrollat. S'issa dan il-mard dejjem ġie kkontrollat bl-użu ta' prodotti sintetiċi li jissejħu koċċidjostatiċi. Il-koċċidjostatiċi huma aġenti antiprotozoali li jaġixxu fuq il-parassiti tal-koċċidja billi jimblukkaw ir-riproduzzjoni u jdewmu l-iżvilupp tal-parassita fl-annimal. Jintużaw l-aktar fil-popolazzjonijiet tat-tjur billi jiġu miżjuda mal-għalf f'livelli awtorizzati u billi jiġu osservati l-ħtiġijiet ta' iġene preskritti.

L-użu ta' dawn il-mediċinali se jiġi dejjem iktar imnaqqas mill-UE u għalhekk diversi prodotti naturali alternattivi qed jiġu evalwati biex jintużaw minflokhom. Dawn il-prodotti naturali huma magħmulin minn 'Addittivi Kategorija B' ta' oriġini botanika; taħlita ta' sustanzi aromatiċi, nuħħala fina tal-qamħ u karbonat tal-kalċju, żejt essenzjali (CEO) li huwa taħlita ta' żjut volatili bħal carvacrol, żejt tal-cassia, żejt tat-tewm, hesperidin, naragin, estratt tal-ħurrieq, żejt tal-origanu u estratt tal-quillaya. Mill-inqas hemm 3000 tip ta' żejt essenzjali derivat minn pjanti li huma meqjusa bħala metaboliti sekondarji volatili tal-pjanti, li juru propjetajiet mediċinali eċċellenti u qed jiġu studjati għalhekk.

Ir-riċerka kienet maqsuma fuq sentejn. L-ewwel esperiment kien jinkludi 200 fellus tal-brojler filwaqt li t-tieni prova kienet ikbar u jinkludi 400 fellus tal-brojler. Fiż-żewg provi, il-popolazzjoni ta' flieles tal-brojlers kienet maqsuma f'żewġ gruppi; Grupp A li kienu l-grupp ta' brojlers li ngħataw il-koċċidjostatiċi tradizzjonali, filwaqt li Grupp B ingħataw l-alternattiva naturali. Il-parametri studjati kienu l-konsum tal-għalf, il-konsum



tal-ilma, il-mortalità, iż-żieda medja fil-piż fil-ġimgħa u l-għadd tal-oċċisiti tal-koċċi fil-ħmieġ.

Ir-riżultati tal-istudju wrew li wara l-perjodu tat-trobbija tal-brojlers, ma kien hemm l-ebda differenza statistikament sinjifikanti fil-valuri tal-parametri studjati bejn Grupp A, mogħtija il-koċċidjostatiċi tradizzjonali, u Grupp B, mogħtija l-alternattiva naturali. Dan ifisser li l-prodott naturali kien effettiv daqs il-koċċidjostatiċi tradizzjonali biex tiġi kkontrollata l-koċċidja fil-brojlers u l-piż finali tal-brojlers kien l-istess fiż-żewġ gruppi. Studji oħra riċenti li saru fi Spanja taw riżultati simili ħafna li jkomplu jikkonfermaw l-effikaċja tal-prodott naturali.

Bħala konklużjoni jidher ċar il-potenzjal kbir ta' dan il-prodott naturali li jibda jintuża mir-raħħala Maltin u fuq livell globali, bħala alternattiva għall-koċċidjostatiċi tradizzjonali. Dan ikollu effett pożittiv mil-lat ta' saħħa tat-tjur u l-konsumatur, u jkabbar is-sostennibbiltà tal-industrija tat-trobbija tal-brojlers għall-ġejjieni.

# Pjanti Maltin fil-Folklor Botaniku

## tal-Gżejjer Maltin

Kitba ta'
**ARNOLD U JEFFREY SCIBERRAS**
*Riċerkaturi fuq il-biodiversità*

Minn żmien il-qedem, il-mediċina botanika minn dejjem kienet importanti għall-bniedem. Minħabba li kien hemm nuqqas ta' studju xjentifiku, partikolarment fuq il-bijokimika tal-pjanti, li tirrikjedi teknoloġija u apparat speċifiku għall-analiżi tagħhom, l-effett tal-pjanti fuq il-bniedem kien ikkunsidrat fenomenu maġiku. Naturalment, minħabba f'hekk, jinħoloq ukoll l-aspett folkloristiku fuq il-botanika. Waħda mill-pjanti li tinstab f'Malta, għalkemm rari ħafna u hija magħrufa mas-sħaħar fl-Ewropa ta' fuq, hija l-Hyoscyamus niger. Il-pjanta hija velenuża, imma ntużat ħafna fil-Maġija s-Sewda, għax għandha karatteristiċi alluċinoġeniċi, ideali għall-illużjoni fil-maġija. Minkejja li għandha speċi oħra ferm iktar komuni fi gżiritna, il-Banġ (*Hyoscyamus albus*), u li hi kapaċi daqs l-oħra, m'hawnx tagħrif tal-użu tagħha f'pajjiżna.





Pjanti oħrajn huma magħrufin sew fil-gżejjer Maltin għall-użu folkloristiku mediċinali, xi wħud rari ħafna, xi wħud komuni. Waħda mill-iktar speċi strambi u uniċi, hija l-Għerq Sinjur (*Cynomorium coccineum*). Pjanta żgħira ħamra, bla weraq, u parassita fuq xitel tal-kosta. Anke isimha jirrifletti kemm kienet importanti ħafna, speċjalment fi żmien il-Medjuevu u fir-Rinaxximent, fl-Ewropa, anke f'pajjiżi tal-Lvant. Kienet meqjusa li tista' tfejjaq kull tip ta' marda. Tant kemm saret popolari, li hija waħda mill-eqdem speċi f'Malta li saret protetta bil-liġi f'pajjiżna. Saħansitra l-Ġebla tal-Ġeneral, fejn għadha teżisti din ix-xitla, kellha parti mis-sisien imnaqqxa biex ma jkun jista' jitla' ħadd fuqha, u min jinqabad jaqta' minnha, kien jintbagħat skjav fix-xwieni. Illum m'għadhiex tintuża lokalment.

Pjanta oħra li għadha mfittxija sal-lum hija x-Xkattapietra (*Micromeria microphylla*), pjanta ċkejkna fil-familja tas-Sagħtar. Pjanta komuni, magħrufa ħafna biex tfejjaq lil min għandu l-ġebla, però ftit nies jagħrfuha mal-ewwel, peress li hija xitla li bilkemm tidher, faċilment titgħaffeġ u lanqas tinduna



biha. Semmejna s-Sagħtar (*Thymbra capitata*)! Dan l-arbuxell importanti ħafna għall-ekoloġija tax-xagħri kien jintuża fid-dekorazzjoni bħala 'siġar' żgħar fil-presepju, però m'għadux jintuża minn mindu sar protett bil-liġi. Ġieli tintuża l-Ħatba s-Sewda (*Anthyllis hermanniae* subsp.*melitensis*) minflok, speċjalment fil-vari żgħar tal-wirja tal-Ġimgħa Kbira, peress li l-friegħi jixbhu s-siġar żgħar taż-żebbuġ. Minkejja li dan l-arbuxell huwa komuni, huwa protett bħas-Sagħtar, u allura m'għandux jintuża għal dan l-iskop. Kemm dan u kif ukoll is-Sagħtar jipprovdu ħafna zokkor lin-naħal.

Peress l-iskop mediku ta' diversi speċi kien veru utli fil-passat, kien parti sew mill-ħajja rurali. Minkejja n-nuqqas ta' teknoloġija moderna li kapaċi toħloq mużika komplikata u divertenti, dak iż-żmien kienet l-għanja tal-poplu li kienet il-kantaliena normali tagħhom. Il-ħxejjex mediċinali ma kinux tħallew barra. Hawn taħt insibu xi eżempji:

Jekk trid tfiq malajr bla ħlas
asal wasla sa San Blas
Duq il-benna tat-tuffieħ
Terġa' lura qawwi u sħiħ

Għajnejk Fosos tar-Rubini
Bħal tal-anġli wiċċek ħlejju
Minnek ħierġa fwieħa tqanqal
Bħal tas-sagħtar u tal-plejju

Ċertu xitel ornamentali f'Malta wkoll żviluppa xi qlajjiet fuqu, u fil-fatt xitla mill-iktar popolari li ġarrbet xi qlajjiet fuqha hija s-Sardinell. Meta saret popolari ħafna f'pajjżna, kienet tintuża ħafna bħala tiżjin ħaj fil-ħoġor tat-twieqi. Qabel ma kulħadd kellu televixin jew radju, xi wħud mill-ġirien kienu joqogħdu jissindikaw taħt il-ħoġor tat-twieqi tan-nies biex jisimgħu x'jintqal. Saħansitra kienu jgħidu li anke s-sardinell kien "jisma' u jikfex" id-diżgwit u s-sigrieti tal-familja ta' dik id-dar.

Qlajja' oħra hi li s-siġra tal-Banana tħobb l-ilma bis-sapun. Ġeneralment l-ilma maħmuġ bis-sapun mhux tajjeb għall-ħamrija, però lill-banana ma jagħmlilha xejn. Madankollu kienu jemmnu li l-banana kapaċi ssaffi l-ilma bis-sapun, jissaffa tajjeb għall-ħamrija u l-banana tixrob is-sapun. In-nies kienu jieħdu pjaċir li dan l-ilma maħmuġ jista' jwassal biex jipprovdi frott tajjeb minn din ix-xitla kbira.





Hawn dilemma kbira fuq għajdut partikolari rigward l-oleandru, magħrufa wkoll bħala s-siġra tal-wirdien. Bosta mħawda jekk din kinitx kapaċi tgerrex, toqtol, jew tattira iktar il-wirdien.

Il-pjanti mhux biss kellhom jew għandhom skop mediku, imma għandhom ukoll l-iskop tal-logħob. Meta konna żgħar, konna nilagħbu bil-biċċiet tal-pjanti slavaġ biex ninku lil sħabna, ngħidu aħna meta nwaddbu l-fjuri ħodor immaturi tal-ħafur selvaġġ (*Avena sterilis* u *Avena barbata*) għax għandhom tendenza li jeħlu mal-ħwejjeġ, jew meta taparsi nisparaw lil xulxin biz-zkuk tal-fjuri tal-Biżbula Komuni (*Plantago lagopus*). Iz-zokk tal-fjura tal-Biżbula kien jista' jiltewa b'tali mod li tista' tiġbdu bis-saħħa biex tispara l-blanzun lejn xi ħadd. Il-fjuri tal-Papoċċi (*Anthirrinum* sp.) konna nistħajluhom xi draguni żgħar jew kreaturi oħra, li setgħu jitkellmu, speċjalment meta konna nagħfsuhom mill-ġnub biex jinfetħu u jingħalqu.





B'hekk nistgħu naraw li ħafna pjanti f'Malta huma parti mill-kultura tagħna, u jisħoqqilhom iktar għarfien, id f'id mar-rispett u l-protezzjoni lejhom.

**Referenzi**

Pisani Ġorġ (2000). Id-Duwa tal-Madalena










# L-Importanza u l-Użu taċ-Ċinga fil-Klieb

Kitba ta'
GEORGE FARRUGIA
*Promotional Officer*
*Office of the Commissioner for Animal Welfare*

Kull min għandu jew xi darba kellu kelb, kulħadd jinduna kemm il-kelb jieħu gost jiġri liberament u mingħajr ebda restrizzjoni bħalm'hija ċ-ċinga. Fil-fatt, meta nkunu mexjin fit-triq jew f'xi positijiet oħra pubbliċi, mhux l-ewwel darba li naraw xi kelb flimkien ma' sidu fejn il-kelb ma jkunx biċ-ċinga. Madankollu, wieħed tajjeb ikun jaf, illi hawn Malta l-użu taċ-ċinga f'postijiet pubbliċi huwa obbligatorju bil-liġi. Intant, l-Att dwar il-Klieb (Kap. 312) jispjega sabiex il-klieb ikunu taħt il-kontroll ta' sidhom f'kull ħin.

Ikun hemm min ma jaqbilx li kelb għandu jinżamm il-ħin kollu biċ-ċinga f'post pubbliku, bħal pereżempju f'xi ġnien pubbliku jew f'xi post pubbliku ieħor. Hawn min jaħseb ukoll illi meta kelb ikun mingħajr ċinga, dan m'għandu ebda riskji jew perikli. Min-naħa l-oħra, wieħed irid jiftakar illi l-liġi qiegħda hemm ukoll bil-ħsieb sabiex ikunu evitati xi inċidenti.

Ħafna nies li jħobbu l-annimali, speċjalment xi sidien tal-klieb, jaħsbu li għandhom iħallu l-kelb tagħhom barra fil-pubbliku mingħajr ċinga, u jkun hemm min jaħseb u jirraġuna u jgħid, imma:

- Il-kelb tiegħi jieħu gost ikun mingħajr iċ-ċinga u joqgħod jiġri;
- il-kelb tiegħi taf kemm hu kwiet u fidil;
- il-kelb tiegħi qatt ma gidem lil ħadd;
- il-kelb tiegħi taf kemm jobdi;
- il-kelb tiegħi, jekk jara kelb ieħor jieħu gost imur jilgħab miegħu;
- m'hawn wisq fejn tieħu l-kelb tiegħek biex ikun jista' joqgħod jiġri.

Madanakollu, ġieli ħsibt x'jistgħu jkunu r-riskji meta tħalli l-kelb tiegħek mingħajr iċ-ċinga f'post pubbliku, anke meta inti taħseb illi l-post huwa sigur? Hemm numru ta' fatturi li ħafna drabi, xi sidien tal-klieb, tant ikunu jħobbu l-annimal, u tant ikunu jafdawh, illi jħallu l-kelb tagħhom fil-pubbliku mingħajr iċ-ċinga, u anqas biss jaħsbu u jikkunsidraw dawk ir-riskji kemm għall-kelb kif ukoll għal nies oħra. Fost xi riskji u perikli li jista' jkun hemm meta l-kelb jinżamm mingħajr ċinga

## Ġieli ħsibt x'jistgħu jkunu r-riskji meta tħalli l-kelb tiegħek mingħajr iċ-ċinga f'post pubbliku, anke meta inti taħseb illi l-post huwa sigur?

f'post pubbliku huma bosta, fosthom:

- il-kelb jista' jaħrab;
- tista' ttajru karozza;
- jista' jinsteraq;
- jista' jmur fuq kelb ieħor (anke jekk il-kelb l-ieħor ikun biċ-ċinga) u minħabba biża' jew raġunijiet oħra, kelb jista' jweġġa' lill-ieħor;
- jista' jkun hemm xi tip ta' ikel jew sustanza (bħal xi valenu) li jattira l-kelb, u minħabba li l-kelb ikun liberu, jista' jkun aktar faċli li sidu ma jindunax x'kiel il-kelb, bil-konsegwnza li jaf jispiċċa vvalenat.

Għalhekk, kull min għandu kelb, għandu r-responsabbiltà u obbligat bil-liġi, li qabel ma joħroġ mid-dar, iżomm il-kelb fuq iċ-ċinga sabiex kull sid, ikollu kontroll assolut tal-kelb tiegħu kif ukoll jevita li jseħħu xi inċidenti. Mhux l-ewwel darba li smajna li xi kelb attakka xi annimal ieħor minħabba li ma kienx miżmum fuq iċ-ċinga, jew xi kelb illi ntilef, jew li attakka xi persuna li kienet għaddejja għall-affari tagħha.

Inti tieħu gost tkun għaddej għall-affari tiegħek bil-kelb biċ-ċinga, u kelb ieħor li jkun qiegħed mingħajr ċinga, jiġi fuqek jew fuq il-kelb tiegħek u possibbilment iseħħ xi inċident? Għalkemm dawn l-inċidenti mhumiex spissi, dawn huma affarijiet illi xi drabi jseħħu. Mhux l-ewwel darba li seħħew inċidenti simili u xi drabi anke jkunu rrappurtati fuq il-midja soċjali, b'ħafna jargumentaw illi numru ta' inċidenti jistgħu jkunu evitati kieku l-kelb ikun biċ-ċinga.

Jekk xi ħadd jixtieq jieħu lill-kelb tiegħu f'post fejn ikun jista' jiġri liberament mingħajr iċ-ċinga, wieħed jista' jagħmel dan, u jieħdu ġewwa wieħed mill-parks tal-klieb li jeżistu ġewwa Malta. Ġewwa l-park tal-klieb, f'ċerti ħinijiet, il-kelb jista' jitħalla mingħajr iċ-ċinga fil-preżenza ta' sidu. Hemmhekk, il-kelb ikollu spazju biżżejjed fejn jista' jiġri liberament u fl-istess ħin ikun jista' jagħmel ftit eżerċizzju, illi jservih ukoll ta' benefiċċju kemm mil-lat fiżiku kif ukoll mentali.

Irridu niftakru wkoll, illi prattikament kull persuna tibża' minn xi ħaġa, jew agħar minn hekk, jista' jkollha fobija fuq xi ħaġa. Hawn min jibża' minn xi speċi, bħal xi ġurdien, wirdiena, brimba, serp jew speċi oħrajn, u hawn min jibża' mill-klieb. Hawn nies ukoll, illi jħobbu l-annimali, iżda ma jiħdux gost, jekk xi annimal ieħor li ma jkunx tagħhom jersaq lejhom. Għalhekk, irridu nkunu responsabbli biżżejjed, u nieħdu gost aħna, mingħajr ma ndejqu lil ħaddieħor!

Meta fis-sajf immorru l-baħar u nieħdu l-kelb magħna, għandna nżommu l-kelb il-ħin kollu ħdejna biċ-ċinga. Inti timmaġina tkun il-baħar għall-affari tiegħek, kemm bil-kelb, u anke mingħajru, u kelb ta' ħaddiehor jiġi jiġri ħdejk mingħajr ċinga, jitfarfar, ixomm l-ikel u joqgħod idur miegħek? Lilek forsi ma jdejqekx, iżda rridu nifhmu u nirrispettaw ukoll lil dawk li jaħsbuha differenti minna.

Meta l-kelb jinżamm fuq iċ-ċinga, minbarra li nkunu qegħdin nosservaw il-liġi, inkunu wkoll qegħdin niżguraw li sid il-kelb ikun moħħu mistrieħ mill-kelb tiegħu, u l-pubbliku jħossu aktar sigur. Huwa tajjeb illi nkunu ċittadini u sidien responsabbli tal-klieb tagħna, u minbarra li nkunu qegħdin nosservaw il-liġi, meta nżommu l-kelb tagħna biċ-ċinga, inkunu qegħdin nirrispettaw lil xulxin, u fuq kollox, jekk veru nħobbu l-annimali, inkunu qegħdin niżguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-annimal tagħna u ta' ħaddieħor.



# Il-BiedjaCam

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) temmen li xogħol il-bidwi huwa fir-raba' u li kull siegħa 'l bogħod minnha għalih hija waħda moħlija: din hi l-filosofija li wasslet għall-ħolqien u t-tisħiħ tal-BiedjaCam. Din hija għodda diġitali bil-potenzjal li tkompli tnaqqas mill-aspett amministrattiv li jrid iqatta' ħin miegħu l-bidwi.

Verżjoni ġdida u b'iżjed funzjonijiet tal-BiedjaCam ġiet imnedija ftit tal-ġimgħat ilu, imma x'inhi eżattament? Din hija app għal fuq l-ismartphones li tkun dejjem mal-bidwi u sservi ta' pjattaforma fejn il-bidwi jista' jipprovdi informazzjoni meħtieġa mill-ARPA bl-ikbar kumdità. Biha wieħed jista' jikkollabora bil-għan ewlieni li titnaqqas il-ħtieġa ta' spezzjonijiet fir-raba', billi l-għodda ta' verifika titħalla f'idejn il-bidwi. Il-BiedjaCam tippermetti lill-bdiewa jippjanaw l-uċuħ tar-raba' tagħhom b'mod sempliċi, intuwittiv u interattiv. Barra minn hekk, f'każ ta' ħsarat ikkawżati minn maltemp, il-bidwi li jkun qed jużaha jkun jista' jżomm informazzjoni konfermata ta' x'kellu fir-raba' tiegħu b'mod komdu u immedjat.

Dawn il-funzjonijiet huma bbażati fuq teknoloġija fejn l-utent jieħu u jibgħat ritratti ġeolokalizzati li jservu bħala evidenza u jippermettu lill-bidwi jikkonferma xogħlu sabiex ikun jista' jibbenefika faċilment minn skemi ta' għajnuna finanzjarja li jkun applika taħthom. Fl-istess mod ta' kif kulħadd illum jieħu ritratt selfie għad-divertiment fuq smartphone, il-bidwi jista' jieħu ritratt tal-prodott li jiġi trażmess awtomatikament lill-ARPA mir-raba' tiegħu u miżmum bħala konferma tal-attività agrikola.

Barra minn dan, l-aħħar verżjoni tal-BiedjaCam tinkludi numru ta' funzjonijiet oħra li huma ta' benefiċċju għall-bdiewa Maltin u Għawdxin, fosthom:

- Il-bidwi jista' jirċievi avviżi u notifikazzjonijiet mingħand l-ARPA;
- Hemm il-possibbiltà li jitwieġbu messaġġi mibgħuta mill-ARPA;
- Il-bdiewa jistgħu jaraw l-għelieqi li għandhom irreġistrati mal-Aġenzija;
- Jistgħu jiġu segwiti mill-qrib l-applikazzjonijiet tal-bdiewa għall-għajnuna mill-fondi tal-Unjoni Ewropea;
- Jistgħu jiġu aċċessati wkoll il-pagamenti kollha li jkun irċieva l-bidwi.

Benefiċċju ieħor ta' din il-mobile app huwa li l-bidwi jista' jikkollabora mal-Aġenzija f'ċerti skemi fejn qed jitwettaq proċess ta' monitoraġġ. B'dan il-proċess, l-Aġenzija tista' tidentifika ċerti irregolaritajiet fi stadju bikri sabiex jiġu evitati nuqqasijiet ta' konformità fi ħdan il-Politika Agrikola Komuni (PAK). B'hekk il-bidwi jingħata l-opportunità li jirrevedi l-applikazzjoni tiegħu b'mod li dak li għandu ddikjarat jirrifletti dak li verament hemm imħawwel fl-għalqa tiegħu. Għaldaqstant, b'din il-proċedura, il-bidwi jkun jista' jiżgura li jevita bil-quddiem dawk in-nuqqasijiet li jistgħu jaffettwaw il-pagament mistħoqq lilu.




Sabiex nappoġġjaw lill-bdiewa tagħna u niffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom għall-użu ta' dawn it-teknoloġiji ġodda, qegħdin jiġu mħarrġa bosta uffiċjali fi ħdan il-Ministeru, sabiex ikunu jistgħu jiltaqgħu mal-bdiewa u jfehmuhom u jgħinuhom sabiex jużaw din l-app bl-aktar mod sempliċi possibbli. Hekk kif bidwi jibda jagħmel użu mill-BiedjaCam, se jinduna waħdu x'inhuma l-benefiċċji ta' dan u jara b'għajnejh u jmiss b'idejh ukoll is-simplifikazzjoni li ġġib magħha u t-tnaqqis fin-numru ta' spezzjonijiet li jsiru fuq il-post.

Għal aktar informazzjoni dwar kif titniżżel, kif tiġi attivata l-BiedjaCam, u kif jitħaddmu l-funzjonijiet tagħha, wieħed jista' jaċċessa linji gwida dettaljati flimkien ma' numru ta' vidjows informattivi fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija **www.agrikoltura.gov.mt/en/arpa**. L-Aġenzija se tkun qed torganizza sessjonijiet ta' taħriġ u ta' informazzjoni għall-bdiewa, dwar il-monitoraġġ u dwar kif għandha tintuża l-BiedjaCam f'dan ir-rigward u se tkun qed tikkomunika tali taħriġ fix-xhur li ġejjin. Jekk tixtieq tikkuntattjana rigward din il-mobile app tista' ċċempel lill-Front Office tal-Aġenzija fuq 22 92 61 48 jew tibgħat email fuq **arpa.mafa@gov.mt**.

# Żewġ Skemi ta' Għajnuna għall-Bdiewa u r-Raħħala b'Baġit ta' €4.5 Miljuni

**Ġew imnedijin żewġ skemi nazzjonali mmirati li jipprovdu għajnuna finanzjarja lill-bdiewa u lir-raħħala Maltin u Għawdxin sabiex jittaffew ftit il-konsegwenzi negattivi li l-pandemija tal-COVID-19 kellha fuq is-settur agrikolu lokali fix-xhur li għaddew.**

Din kienet it-tieni tnedija ta' dawn l-iskemi wara li kienu nħarġu fl-2020. Dawn l-iskemi huma ffinanzjati bis-sħiħ minn fondi nazzjonali, u approvati mill-Kummissjoni Ewropea taħt il-Qafas Temporanju għall-Miżuri ta' Għajnuna għall-Istat.

Intbagħtu 5,266 applikazzjoni pre-filled lill-bdiewa u lir-raħħala li kienu eleġibbli taħt dawn l-iskemi ta' għajnuna. Għall-iskema tal-bdiewa ġew mibgħuta 4701 applikazzjoni, filwaqt li għall-iskema tar-raħħala ntbagħtu 565 applikazzjoni.

Skema minnhom se tagħti għajnuna finanzjara lill-bdiewa tal-art: pagament ta' €200 għal kull ettaru ta' art eleġibbli, u skema oħra se tagħti għajnuna finanzjarja lir-raħħala: pagament maħdum fuq in-numru ta' annimali eleġibbli u abbażi tas-settur megħjun.

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali reġa' intervjena sabiex il-Gvern jagħti aktar għajnuna finanzjarja lill-bdiewa u lir-raħħala lokali, biex b'hekk ġie allokat baġit sostanzjali li jammonta għal €4.5 miljun iffinanzjat bis-sħiħ minn fondi nazzjonali. L-għajnuna taħt dawn l-iskemi se tingħata lil aktar minn 5000 bidwi u raħħal li fis-sena 2020 kienu applikaw mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, u kienu ġew ikkunsidrati eleġibbli.









# Interazzjonijiet bejn iċ-ċetaċji u l-armar tas-sajjieda ta' skala żgħira fil-Baħar ta' Malta u Għawdex

Kitba ta'
MATTHEW LASPINA, KIMBERLY TERRIBILE U DR ALICIA BUGEJA SAID

**Studji riċenti qed jindikaw li ċ-ċetaċji (baleni u dniefel) qed jiżdiedu fl-ibħra Maltin. Mhux hekk biss, iżda, skont is-sajjieda Maltin, l-interazzjoni bejn iċ-ċetaċji u l-armar tas-sajd qed tirriżulta f'impatti differenti fuq il-qabda u l-armar tas-sajjieda ta' skala żgħira.**

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura (DFA) flimkien maċ-Ċentru tal-Agrikoltura, l-Akkwatika u x-Xjenzi tal-Annimali fi ħdan l-MCAST, ingħaqdu flimkien ma' riċerkaturi minn Spanja u Sqallija biex issir riċerka li tanalizza l-preżenza u l-effett taċ-ċetaċji fil-baħar madwar Malta. Dan l-istudju huwa maqsum f'żewġ fażijiet fuq medda ta' tliet snin u r-riċerka bħalissa waslet fit-tieni fażi tagħha.

93% tad-dgħajjes fis-settur lokali jaqgħu taħt il-kategorija ta' inqas minn 12-il metru tul. Dawn jużaw metodi tas-sajd artiġjanali bħall-konzijiet tal-wiċċ u tal-qiegħ, pariti, xkitti u nases. Sajjieda Maltin u riċerkaturi barranin urew li l-interazzjoni bejn l-armar tas-sajjieda tal-iskala ż-żgħira li jarmaw għal dawn it-tip ta' sajdiet u ċ-ċetaċji, qed tiżdied u tirriżulta fi tnaqqis fil-qabda u ħsara fuq l-armar tas-sajd. Minħabba dawn ir-raġunijiet huwa essenzjali li l-monitoraġġ ta' dawn l-interazzjonijiet u l-impatt tad-depredazzjoni miċ-ċetaċji fuq l-armar tas-sajd, isir b'mod effettiv u effiċjenti biex jitnaqqsu l-impatti soċjo-ekonomiċi fuq is-sajjieda ta' skala żgħira.

L-għan tal-ewwel fażi kienet li jiġu kkwalifikati u kkwantifikati l-fatturi ta' depredazzjoni, billi ninvestigaw ir-realtajiet, kif inhu perċepit mis-sajjieda ta' skala żgħira. Il-kwestjonarji kienu ffukati l-aktar fil-portijiet tas-sajd ewlenin ta' Malta sabiex tinkiseb stampa ċara tad-depredazzjoni taċ-ċetaċji li jseħħu madwar il-kosta Maltija. Ir-riżultati tal-ewwel fażi wrew li 76% tas-sajjieda li ħadu sehem fil-kwestjonarji, issuġġerew li l-interazzjonijiet taċ-ċetaċji mal-irkaptu tas-sajjieda qed jiżdiedu.

It-tieni fażi tal-proġett se tkun maħduma b'mod aktar dettaljat, tant li se tintegra iktar lis-sajjieda tal-pariti f'dan il-proġett. It-tieni fażi tal-proġett inbdiet bl-iffirmar ta' Memorandum of Understanding bejn id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura u l-Fondazzjoni MAVA. Il-Fondazzjoni MAVA pprovditilna fondi li jammontaw għal €45,000



li se jintużaw għat-tieni fażi tal-proġett. It-tieni fażi ta' dan il-proġett hija meqjusa bħala stil ta' mmaniġġjar koperattiv u parteċipattiv, peress li kemm is-sajjieda, kif ukoll riċerkaturi terzi ser jgħinu lir-riċerkaturi fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura u l-MCAST sabiex jiksbu informazzjoni dwar id-depredazzjoni fuq is-sajda tal-pariti u l-hotspots taċ-ċetaċji fil-25NM FMZ ta' Malta. Pariti akkwistati, permezz tal-fondi pprovduti mill-Fondazzjoni MAVA, ser jintużaw fl-istudju biex tiġi analizzata d-depredazzjoni miċ-ċetaċji fuq din is-sajda partikolari.

Ser isiru osservazzjonijiet abbord id-dgħajjes tas-sajjieda, biex jiġu anlizzati t-tipi ta' interazzjonijiet bejn iċ-ċetaċji u s-sajda tal-pariti. Dan ser isir billi tiġi rrekordjata l-preżenza u l-ispeċi taċ-ċetaċji, iż-żona tal-interazzjonijiet u t-tip u l-frekwenza tal-ħsara fuq il-pariti. Osservazzjonijiet separati abbord dgħajjes mingħajr l-użu tal-irkapti ser jiġu organizzati sabiex tinkiseb idea tal-preżenza taċ-ċetaċji, mingħajr l-użu tal-pariti. Dan jippermettilna sabiex nifhmu iktar jekk hemmx differenza fil-preżenza taċ-ċetaċji, bl-użu tal-irkaptu tas-sajd jew mingħajru u biex infasslu rapport bir-riżultati li nkunu ksibna.

Fil-parti li jmiss tat-tieni fażi, il-fondi tal-Fondazzjoni MAVA ser jintużaw biex jinxtara apparat akustiku, magħruf bħala pingers. Diġà saru diversi studji reġjonali li juru li ċerti pingers kienu ta' suċċess, filwaqt li oħrajn ftit inqas. Wara laqgħa mal-Fondazzjoni MAVA u l-imsieħba tal-proġett, id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakoltura ddeċieda li juża l-istess pingers li ntużaw fl-istudju li sar fil-Marokk. Dan l-istudju wera li l-pingers utilizzati għall-istudju li sar fil-Marokk kienu effettivi ħafna, u għalhekk dawn l-istess pingers ser jinxtraw għall-fini ta' dan il-proġett lokali. Dan l-aspett tat-tieni fażi ser juża metodoloġija simili bħal ta' qabel, però bl-użu tal-pingers. Ir-riżultat li ser jinkiseb fit-tieni fażi għandu jagħti biżżejjed informazzjoni sabiex ikun hemm il-possibbiltà li jiġi implimentat l-użu tal-pingers bħala mezz biex jitnaqqsu l-interazzjonijiet taċ-ċetaċji mal-irkapti tal-pariti, u fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw kemm sajjieda, kif ukoll il-popolazzjonijiet taċ-ċetaċji.



Fig. 1 Ritratt li juri tip ta' interrazzjoni bejn sajjied u ċ-ċetaċji. F'dan il-każ ir-ritratt juri l-preżenza ta' Tursiops truncatus, iktar magħruf bħala d-denfil ta' geddumu qasir.

Dan l-istudju qed isir minn Dr Alicia Said mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, mis-Sur Matthew Laspina mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, u mis-Sa Kimberly Terribile miċ-Ċentru tal-Agrikoltura, l-Akkwatika u x-Xjenzi tal-Annimali fi ħdan l-MCAST, taħt il-gwida tal-*Low Impact Fishers of Europe* u minn fondi tal-Fundazzjoni MAVA. Għal iktar informazzjoni dwar dan l-istudju, wieħed jista' jibgħat email fuq kimberly.terribile@mcast.edu.mt, alicia.said.1@gov.mt jew matthew.laspina.1@gov.mt.

# L-Istorja ta' Omm u Iben bil-Volontarjat fi Ħdan il-*Malta Rabbit Club*

Kitba ta'
MICHELLE SAMMUT
*Membru tal-Kumitat fil-kariga ta' Merchandise Executive*

"Annimali d-dar tiegħi ma jidħlux!" Dan kien il-kliem li kont ili ngħid wara li tmien snin ilu mititli l-kelba li kienet ilha għandi tlettax-il sena. U kont konvinta sakemm sentejn ilu morna l-fiera tal-iskola tat-tfal u rajna l-fniek żgħar domestiċi għall-bejgħ. Ir-raġel u t-tfal tħajru, imma jien bqajt nopponi. Ħmistax wara, it-tifel il-kbir li kellu tmien snin beda jsaqsini meta ġej il-fenek. Inqalgħet diskussjoni li dan il-fenek se jħossu waħdu u minn wieħed ġie deċiż li ġejjin tnejn. Ma stajt nagħmel xejn ħlief inrodd is-slaleb!

## Filli xejn u filli tnejn!

F'temp ta' jumejn spiċċajt b'żewġt ifniek veru ħelwin, u ma stajtx ma ninġibidx lejhom. Konna avżati biex ma nħalluhomx f'idejn it-tfal għax delikati. It-tfal obdew iżda ma stajtx ma ninnutax l-aġir teneru ta' Luke, it-tifel il-kbir, li kien iħares lejhom bi ħlewwa liema bħalha u jmisshom b'attenzjoni u ġentilezza kbira. Bdejt nara aspett tat-tifel li qatt ma kont rajt qabel. Ried li jkun qrib ħafna tagħhom u jkellimhom b'għożża kbira. Bdejna nirrealizzaw li ma tantx nafu kif għandna nieħdu ħsieb il-fniek li ġibna għax ftit li xejn ingħatajna informazzjoni. Kellna wkoll biża' li nweġġgħuhom. Minn fuq il-mezzi soċjali, ħabiba tiegħi ssuġġerietli li nagħmel kuntatt ma' *The Malta Rabbit Club – Since 1963*. Minn hemm beda kapitlu ġdid f'ħajjitna.

## L-ewwel pass... sħubija mal-klabb

L-ewwel ħaġa li għamilna kienet li dħalna membri fil-klabb u tlabna li ssir vista d-dar biex nitgħallmu kif nibnu relazzjoni mal-fniek tagħna. Sibna għajnuna kbira u tgħallimna ħafna. Luke mill-ewwel beda juri ammirazzjoni lejn Felix, il-President tal-klabb, u beda jgħid li la jikber irid ikun bħalu.

Beda jqatta' ħafna ħin mal-fniek li ġibna u flimkien bdejna nfittxu kif nistgħu nieħdu ħsiebhom aħjar. Luke jagħmel parti minn grupp ta' Scouts u ddeċieda li jagħmel il-beġġ tal-Kura tal-Annimali. Għamel preżentazzjoni informattiva u mill-isbaħ. Kien propju wara r-riċerka li għamel li induna li l-fenka tagħna kienet se twelled meta lanqas biss konna nafu li kienet tgħammret. Qalilna biex nippreparawlha kaxxa u meta welldet, qalilna li aħjar inċemplu lil *The Malta Rabbit Club* għax tant konna sorpriżi li konna mifxulin.

## Luke jidħol voluntier

Luke beda jieħu pjaċir imur il-*Petting Farm* kull darba li l-*Malta Rabbit Club* ikunu hemm joffru s-servizzi tagħhom. F'kemm ili ngħid, daħal voluntier u ħassu vera kburi. Wiċċu xegħel meta rċieva l-ittra tas-sħubija bil-logo tal-klabb indirizzata lilu.

Bqajt mistagħġba b'kemm Luke ħa dan l-impenn bis-serjetà. Beda jmur kull xahar u kien determinat li ma jfallix. Bħala voluntier beda jagħmel diversi affarijiet. Kien hemm drabi fejn ġie mitlub jieħu ħsieb il-*Petting Section*. Hawnhekk ħassu tassew kburi għax ħassu fdat b'responsabbiltà u fl-istess





ħin kien għal qalbu jqatta' l-ħin mal-fniek. Darb'oħra ġie mitlub jaħsel il-prinjoli. Din kienet esperjenza ġdida għalih għax tgħallem xi ħaġa ġdida li seta' wkoll japplikaha għall-fniek tiegħu. Luke beda jitgħallem kemm hi ħaġa sabiħa li wieħed jagħti mill-ħin tiegħu biex jgħin fejn hemm bżonn mingħajr ma jistenna xejn lura. Permezz tal-volontarjat li beda jagħmel, Luke beda jesperjenza ferħ u sodisfazzjon kbir. Għalkemm żgħir, Luke ġie milqugħ ħafna f'dan il-klabb. Kull darba li jmur dejjem jingħata biċċa xogħol ġdida, fosthom tindif. Beda jitgħallem ukoll li fenek mhux ikel u fsied biss irid, imma għandu bżonn ambjent nadif. Beda wkoll iħossu tajjeb jgħin lil dawk il-fniek li mhumiex jgħixu f'ambjent ta' familja bħalm'huma tiegħu. L-ikbar dispjaċir li kellu waqt il-pandemija kien li ma setax jibqa' jagħti sehmu.

**Il-fniek u l-proġetti tal-iskola**

Kulma jmur, l-imħabba ta' Luke lejn il-fniek u l-ferħ tiegħu bħala voluntier dejjem bdew jiżdiedu u f'kull proġett tal-iskola beda jara kif idaħħal il-fniek. L-ewwel proġett kien tal-Istudju Soċjali fejn għamel ktejjeb pop-up fuq il-ħrafa tal-fenek u l-fekruna. Wara dak ingħata proġett tar-reliġjon fejn kellu jagħmel volontarjat fi żmien il-Milied. M'hemmx għalfejn ngħidu, il-proġett għamlu mal-fniek li hemm il-petting farm. Għall-proġett tax-xjenza ddisinja gaġġa b'mekkaniżmu li jiffriska l-fniek fis-sajf. Għal dawn il-proġetti Luke dejjem sab l-appoġġ tal-klabb.

**Il-fniek fil-ħajja tagħna**

Il-fniek għamlu differenza kbira f'ħajjitna. Ġabu magħhom ftit iżjed xogħol imma ħafna iżjed ferħ. Huma veru annimali ta' min japprezzahom għax huma ħlejjaq doċli ħafna u intelliġenti wkoll. Lit-tifel imlewlu qalbu bil-ferħ kif jersqu lejh u jkolli nammetti li meta nkun għajjiena mejta wara xi ġurnata twila, insib il-wens fihom għax kif naqbad infissidhom ninsa kollox. Torbot qalbek magħhom bla ma trid u meta jfettlilhom trid tgħaddi tagħhom, issib ruħek titbissem bla ma trid.

Is-sajf li għadda għaddejna minn esperjenza iebsa meta tlifna fenek li kien tassew għażiż għalina. Lil Luke ma stajna nsabbruh b'xejn. Ftit jiem wara *The Malta Rabbit Club* għenuna naddottaw fenek li sidu ma kienx f'pożizzjoni li jżommu iżjed. Dan il-fenek kien tassew ħelu u partikolari. It-tbissima ta' Luke reġgħet tfaċċat, tant li dan il-fenek għandu siġġu apposta għall-annimali fil-karozza u ġieli joħroġ magħna wkoll.

**Mamà ibda ejja miegħi**

Xahar wara l-ieħor, Luke beda jitlobni biex immur miegħu nagħmel volontarjat. Bdejt ngħidlu li xi darba mmur, forsi jaqta' qalbu. Il-familja tirrikjedi ħafna u onestament m'għandix ċans. It-tifel baqa' jippersisti u meta rajt kemm ħa l-impenn tiegħu b'entużjażmu, ma stajtx nibqa' ngħid le. U l-istorja ta' "*filli xejn u filli tnejn*" irrepetiet ruħha għax jien u Luke t-tnejn spiċċajna membri tal-kumitat!

Jiena ngħatajt ir-rwol ta' *Merchandise Executive* u Luke llum il-ġurnata huwa *Junior Club Leader.* Meta jiġu tfal biex jidħlu membri, Luke jieħu ħsieb li jdawwarhom mal-post u jispjegalhom kif jopera l-klabb. Apparti minn hekk, għandu l-inkarigu li jieħu ħsieb ir-rokna tat-tfal fuq il-paġna tal-klabb. Meta jkun imissna mmorru l-*Petting Farm*, jien u Luke t-tnejn inkunu ħerqanin u l-ħin itir hemmhekk.

Din l-esperjenza għallmitni napprezza iktar il-ħidma ta' sħabi membri tal-kumitat għax jagħmlu minn kollox biex joffru servizzi, kura u kull appoġġ meħtieġ lill-membri tal-klabb. Nista' ngħid ukoll li jien u t-tifel sibna familja oħra. Permezz tal-fniek, skoprejna kemm hi isbaħ il-ħajja meta l-annimali huma parti minnha. Esperjenzajna wkoll is-sodisfazzjon li tħoss meta tagħti mill-ftit li għandek biex tgħin lil ħaddieħor.



# L-Għasel Uniku ta’ Malta

**Malta ilha magħrufa għall-għasel notevoli tagħha sa mill-qedem, u huwa maħsub li l-ewwel nies li introduċew din il-prattika ġewwa gżiritna kienu l-Feniċi.**

Teżisti spekulazzjoni li l-isem Malta saħansitra evolva minn ismijiet mogħtija lil dan l-għasel eluf ta’ snin ilu. Il-Griegi tal-qedem irreferew għall-gżira tagħna bħala Melite, li jittraduċi għal ‘għasel ħelu’. Matul il-perjodu Ruman, dan l-isem inbidel f’Melita. Ta’ min jinnota li mġiebaħ li jmorru lura sa minn żminijiet Puniċi, maqtugħa minn blat ħaj, għadhom jeżistu s’issa viċin ix-Xemxija.

In-naħla tagħmel l-għasel billi tfittex għan-nektar mill-fjuri. Taħżinha fl-istonku tal-għasel tagħha jew waqt li tkun qed ittir lura lejn il-ġarra tan-naħal. Meta tasal fil-ġarra, in-naħla ttella’ dan in-nektar mill-istonku u tgħaddih lil xi naħla biex tipproċessah.

In-naħla li tipproċessa tieħu l-għasel fl-intern tal-ġarar. Imbagħad issib ċellola waħda tax-xehda minn eluf biex timla. Għan-nektar, in-naħla żżid enżema msejħa invertase li tgħin biex timmatura n-nektar f’għasel. In-naħal jgħinu fl-evaporazzjoni tal-ilma minn nektar billi jrewħu l-ġwienaħ tagħhom fuq in-nektar sabiex inixxfuh.

Hemm tliet tipi ta’ għasel Malti. Dawk il-Maltin li jrabbu n-naħal lokali jaħsdu l-Għasel Multi-flora tar-rebbiegħa f’Mejju, Għasel Selvaġġ tas-Sagħtar f’Lulju msejjaħ għasel

Ta’ min jinnota li mġiebaħ li jmorru lura sa minn żminijiet Puniċi, maqtugħa minn blat ħaj, għadhom jeżistu s’issa viċin ix-Xemxija.





tas-sajf, u għasel tal-ħarifa sal-aħħar ta' Novembru minn Ħarrub u Ewkaliptu. Fjuri differenti jiffjorixxu matul is-sena, u jagħtu lil kull għasel taħlita unika b'kulur, togħma u proprjetajiet distinti.

L-għasel għandu diversi benefiċċji għal saħħitna ngħidu aħna jsaħħaħ is-sistema immunitarja, u jikkuralna l-ġilda. Benefiċċju popolari ħafna tal-għasel huwa li huwa rimedju għas-sogħla. Jekk tixrob kuċċarina għasel b'ilma sħun u ftit lumi, int tkun tista' tnaqqas l-irritazzjoni fil-gerżuma.

L-għasel jintuża wkoll fl-ikel; imferrex fuq il-ġobon, imħallat ma' xi kikkra te sabiex ittejjeb it-togħma, kif ukoll użat bħala dressings jew immarinar.

Tfal, issa li qrajtu dwar l-għasel uniku ta' Malta, tistgħu tidħlu biċ-ċans li terbħu **voucher ta' €20** li jista' jissarraf fi ktieb/kotba ġentilment mogħtija minn Calleja Secondstep. Dan tistgħu tagħmluh billi twieġbu tajjeb għall-mistoqsija li hawn iktar 'l isfel. Din il-kompetizzjoni hi miftuħa għal dawk ta' età sa mhux aktar minn 12-il sena. Ir-rebbieħ jittella' bil-polza minn fost dawk li jkunu bagħtu tweġiba tajba.

### Mistoqsija:

# Kemm il-tip ta' għasel Malti għandna?

Ibgħat it-tweġiba tiegħek flimkien ma' ismek, kunjomok, id-data tat-twelid, numru tat-telefown u l-indirizz jew permezz ta' email fuq **nisgetartna.mafa@gov.mt** jew bil-posta – **Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni, Agriculture Reasearch and Innovation Hub, L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303**, sa mhux aktar tard mill-**15 ta' Novembru 2021**.

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Nisġet artna Sajf hi Nicole Purvis.**



**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI